PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2014/2238(INI)**

17.4.2015

# EMENDI
# 1 - 208

**Abbozz ta' rapport**
**Jean Lambert**
(PE551.783v01-00)

Inizjattiva għal Impjiegi Ekoloġiċi: nisfruttaw il-potenzjal tal-ekonomija ekoloġika għall-ħolqien tal-impjiegi
(2014/2238(INI))



*Magħquda fid-diversità*

**Emenda 1**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra d-definizzjoni ta' impjieg ekoloġiku mill-ILO u l-UNEP bħala kwalunkwe impjieg diċenti li jikkontribwixxi għall-ippreservar jew ir-restawr tal-kwalità tal-ambjent, kemm fl-agrikoltura, l-industrija, is-servizzi u l-amministrazzjoni,*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan ta' azzjoni ekoloġiku għall-SMEs u l-Inizjattiva għal Impjiegi Ekoloġiċi"*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-rapporti tal-Eurofund dwar ir-relazzjonijiet industrijali u s-sostenibbiltà: ir-rwol tal-imsieħba soċjali fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika (2011), dwar l-Ekoloġizzazzjoni tal-Ekonomija Ewropea: Rispons u inizjattivi mill-Istati Membri u l-imsieħba soċjali (2009) u dwar l-Ekoloġizzazzjoni tal-Industriji fl-UE: Nantiċipaw u nimmaniġġjaw l-effetti fuq il-kwantità u l-kwalità tal-impjiegi (2013),*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi ***x-xejriet globali bħall-użu*** ineffiċjenti tar-riżorsi, il-pressjoni ***mhux sostenibbli*** fuq l-ambjent, it-tibdil fil-klima ***u*** l-esklużjoni soċjali ***u*** l-inugwaljanzi ***dejjem jikbru jinsabu qrib limiti li, ladarba jinqabżu, ma jistgħux jiġu evitati l-impatti irreversibbli*** fuq is-soċjetajiet tagħna u l-ambjent naturali; | A. billi ***l-użu*** ineffiċjenti tar-riżorsi, il-pressjoni fuq l-ambjent, it-tibdil fil-klima**,** l-esklużjoni soċjali ***kif ukoll*** l-inugwaljanzi ***jista' jkollhom impatti qawwijin*** fuq is-soċjetajiet tagħna u l-ambjent naturali; |

Or. de

**Emenda 5**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi x-xejriet globali bħall-użu ineffiċjenti tar-riżorsi, il-pressjoni mhux sostenibbli fuq l-ambjent***, it-tibdil*** fil-klima ***u l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi dejjem jikbru*** jinsabu qrib limiti li, ladarba jinqabżu, ma jistgħux jiġu evitati l-impatti irreversibbli fuq is-soċjetajiet tagħna u l-ambjent naturali; | A. billi x-xejriet globali bħall-użu ineffiċjenti tar-riżorsi, il-pressjoni mhux sostenibbli fuq l-ambjent ***u t-tibdil*** fil-klima jinsabu qrib limiti li, ladarba jinqabżu, ma jistgħux jiġu evitati l-impatti irreversibbli fuq is-soċjetajiet tagħna u l-ambjent naturali; |

Or. en

**Emenda 6**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi x-xejriet globali bħall-użu ineffiċjenti tar-riżorsi, il-pressjoni mhux sostenibbli fuq l-ambjent***,*** it-tibdil fil-klima ***u l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi dejjem jikbru*** jinsabu qrib limiti li, ladarba jinqabżu, ma jistgħux jiġu evitati l-impatti irreversibbli fuq is-soċjetajiet tagħna u l-ambjent naturali; | A. billi x-xejriet globali bħall-użu ineffiċjenti tar-riżorsi, il-pressjoni mhux sostenibbli fuq l-ambjent ***u*** t-tibdil fil-klima jinsabu qrib limiti li, ladarba jinqabżu, ma jistgħux jiġu evitati l-impatti irreversibbli fuq is-soċjetajiet tagħna u l-ambjent naturali***, u l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi dejjem jikbru huma sfida għas-soċjetatjiet***; |

Or. en

**Emenda 7**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi r-rapport tal-2015 tal-Aġenzija Ambjentali Ewropea enfasizza li l-miżuri*** |

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***attwali mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu għanijiet relatati mal-konservazzjoni tal-bijodiversità, it-tnaqqis fl-użu tal-karburanti fossili, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-evitar tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u dik tal-ambjent;*** |

Or. it

**Emenda 8**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi ma hemmx biżżejjed inċentivi f'forma ta' diskriminazzjoni pożittiva fis-suq għall-prodotti u n-negozji b'ċertifikazzjoni ambjentali tal-UE u ma hemmx biżżejjed vantaġġi ekonomiċi li jistgħu jinkisbu minn akkwist pubbliku ekoloġiku;*** |

Or. it

**Emenda 9**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi n-nuqqas ta' rispons ta' politika koerenti fl-ittrattar ta' dawn l-isfidi jwassal għar-riskju li ma tiġix sfruttata parti sinifikanti mill-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' tranżizzjoni ekoloġika ***u soċjalment inklużiva***; | B. billi n-nuqqas ta' rispons ta' politika koerenti fl-ittrattar ta' dawn l-isfidi jwassal għar-riskju li ma tiġix sfruttata parti sinifikanti mill-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' tranżizzjoni ekoloġika ***li tinkludi l-ħolqien ta' impjiegi aħjar u sostenibbli***; |

Or. en

**Emenda 10**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi ***n-nuqqas ta'*** rispons ta' politika koerenti fl-ittrattar ta' dawn l-isfidi jwassal għar-riskju li ma tiġix sfruttata parti sinifikanti mill-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' tranżizzjoni ekoloġika u soċjalment inklużiva; | B. billi rispons ta' politika koerenti fl-ittrattar ta' dawn l-isfidi ***huwa meħtieġ fejn ikun hemm tniġġis transfruntier jew problemi komuni oħrajn,*** iwassal għar-riskju li ma tiġix sfruttata parti sinifikanti mill-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' tranżizzjoni ekoloġika u soċjalment inklużiva; |

Or. en

**Emenda 11**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi, skont l-Aġenzija Ambjentali Ewropea, is-settur tal-prodotti u s-servizzi ekoloġiċi kiber b'aktar minn 50 % bejn l-2000 u l-2011, fejn iġġenera aktar minn 1.3 miljun impjieg li minnu bbenefikaw il-bilanċ tal-esportazzjoni tal-UE u l-kompetittività ekonomika tagħha;*** |

Or. it

**Emenda 12**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi f'rispons għal dawn it-theddidiet, qed naraw l-iżvilupp ta' setturi ġodda, bidla fi ħdan ħafna setturi oħrajn u ***tnaqqis f'xi setturi, bħal dawk li jniġġsu b'mod qawwi***; billi, fir-rigward ta' ***dan l-aħħar settur***, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-forza tax-xogħol f'termini ta' taħriġ mill-ġdid u impjiegi alternattivi; | C. billi f'rispons għal dawn it-theddidiet, qed naraw l-iżvilupp ta' setturi ġodda, bidla fi ħdan ħafna setturi oħrajn u ***enfasi fuq l-innovazzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis fejn ikun possibbli***; billi, fir-rigward ta' ***xi setturi li sejrin lura***, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-forza tax-xogħol f'termini ta' taħriġ mill-ġdid u impjiegi alternattivi; |

Or. en

**Emenda 13**
**Csaba Molnár**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi f'rispons għal dawn it-theddidiet, qed naraw l-iżvilupp ta' setturi ġodda, bidla fi ħdan ħafna setturi oħrajn u tnaqqis f'xi setturi, bħal dawk li jniġġsu b'mod qawwi; billi, fir-rigward ta' dan l-aħħar settur, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-forza tax-xogħol f'termini ta' taħriġ mill-ġdid u impjiegi alternattivi; | C. billi f'rispons għal dawn it-theddidiet, qed naraw l-iżvilupp ta' setturi ġodda, bidla fi ħdan ħafna setturi oħrajn u tnaqqis f'xi setturi, bħal dawk li jniġġsu b'mod qawwi; billi, fir-rigward ta' dan l-aħħar settur, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-forza tax-xogħol f'termini ta' taħriġ mill-ġdid u impjiegi alternattivi; ***jiġbed l-attenzjoni għall-fatt, madankollu, li skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, l-ekonomija tal-enerġija rinnovabbli se toħloq 20 miljun impjieg fl-Ewropa sal-2020;*** |

Or. hu

**Emenda 14**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi f'rispons għal dawn it-theddidiet, qed naraw l-iżvilupp ta' setturi ġodda, bidla fi ħdan ħafna setturi oħrajn u tnaqqis f'xi setturi, bħal dawk li jniġġsu b'mod qawwi; billi, fir-rigward ta' dan l-aħħar settur, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-forza tax-xogħol f'termini ta' taħriġ mill-ġdid u impjiegi alternattivi; | C. billi f'rispons għal dawn it-theddidiet, qed naraw l-iżvilupp ta' setturi ġodda, bidla fi ħdan ħafna setturi oħrajn u tnaqqis f'xi setturi, bħal dawk li jniġġsu b'mod qawwi; billi, fir-rigward ta' dan l-aħħar settur, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-forza tax-xogħol f'termini ta' taħriġ mill-ġdid u impjiegi alternattivi; ***billi l-investimenti fl-enerġija rinovabbli barra mill-pajjiż għandhom il-potenzjal li jsaħħu b'mod sinifikanti l-ħolqien tal-impjiegi inkluż fiż-żoni skarsament popolati;*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi t-titjib fis-sitwazzjoni ekoloġika tal-UE fil-parti l-kbira tal-każijiet inkiseb bl-ispostament ta' metodi ta' produzzjoni li joħolqu tniġġis lejn il-pajjiżi terzi b'regolamenti dwar l-ambjent inqas stretti u xogħol irħas ("rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju"), li wassal għal telf ta' għadd sostanzjali ta' impjiegi fl-UE;*** |

Or. cs

**Emenda 16**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-objettiv tal-iżvilupp sostenibbli huwa minqux fit-Trattat ta' Lisbona; u l-infurzar ta' dan jimplika li l-kwistjonijiet ambjentali jkunu ttrattati fl-istess livell tal-kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali fiċ-ċiklu annwali tal-politiki Ewropej;*** |

Or. en

**Emenda 17**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb. billi l-istrateġija tal-UE-2020 biex tippromwovi l-ekonomiji intelliġenti, sostenibbli u inklużivi tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tat-tranżizzjoni lejn ekonomiji ekoloġiċi u soċjalment ġusti;*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom, fil-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Cancun fl-2010, biex jiżguraw "tranżizzjoni ġusta tal-forza tax-xogħol li | D. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom, fil-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Cancun fl-2010, biex jiżguraw "tranżizzjoni ġusta tal-forza tax-xogħol li |

toħloq xogħol diċenti u impjiegi ta' kwalità"; billi tranżizzjoni ġusta għal kulħadd lejn ekonomija sostenibbli għall-ambjent teħtieġ li tkun ġestita b'mod tajjeb u għandha tikkontribwixxi għall-objettiv ta' ***xogħol diċenti għal kulħadd, l-inklużjoni*** soċjali u l-qerda tal-faqar;

toħloq xogħol diċenti u impjiegi ta' kwalità"; billi tranżizzjoni ġusta għal kulħadd lejn ekonomija sostenibbli għall-ambjent teħtieġ li tkun ġestita b'mod tajjeb u għandha tikkontribwixxi għall-objettiv ta' ***impjiegi sostenibbli u fit-tul li jwasslu għall-inklużjoni*** soċjali u l-qerda tal-faqar;

Or. en

**Emenda 19**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom, fil-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Cancun fl-2010, biex jiżguraw "tranżizzjoni ġusta tal-forza tax-xogħol li toħloq xogħol diċenti u impjiegi ta' kwalità"; billi tranżizzjoni ġusta għal kulħadd lejn ekonomija sostenibbli għall-ambjent teħtieġ li tkun ġestita b'mod tajjeb u għandha tikkontribwixxi għall-objettiv ***ta' xogħol diċenti għal kulħadd, l-inklużjoni soċjali u l-qerda tal-faqar***; | D. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom, fil-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Cancun fl-2010, biex jiżguraw "tranżizzjoni ġusta tal-forza tax-xogħol li toħloq xogħol diċenti u impjiegi ta' kwalità"; billi tranżizzjoni ġusta għal kulħadd lejn ekonomija sostenibbli għall-ambjent teħtieġ li tkun ġestita b'mod tajjeb u għandha tikkontribwixxi għall-objettiv ***li jinħolqu impjiegi aħjar u sostenibbli kif ukoll aktar impjiegi bi kwalifiki għoljin***; |

Or. en

**Emenda 20**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi l-ħames pilastri ta' "Tranżizzjoni ġusta" jinkludu: Konsultazzjoni/Vuċi tat-*** |

***Trejdjunjins; investiment f'Impjiegi Ekoloġiċi u Diċenti; Ħiliet Ekoloġiċi; Rispett għad-drittijiet tax-xogħol u tal-bniedem; u Protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u l-komunitajiet li jkunu fuq quddiem nett fit-tranżizzjoni minn livell għoli għal livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;***

Or. en

**Emenda 21**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Db (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Db. billi l-parteċipazzjoni qawwija tal-ħaddiema fit-tranżizzjoni hija essenzjali, bl-għan li tiżdied il-kuxjenza ambjentali, ikun hemm fehim għall-ħtieġa tal-effiċjenza fir-riżorsi u jitnaqqas l-impatt tagħna fuq l-ambjent;*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-potenzjal għat-tkabbir fl-impjiegi "ekoloġiċi" huwa mfixkel minn nuqqas fil-ħiliet ikkawżat minn numru ta' fatturi; | E. billi l-potenzjal għat-tkabbir fl-impjiegi ekoloġiċi huwa mfixkel minn nuqqas fil-ħiliet ikkawżat minn numru ta' fatturi***, inkluża l-varjabbiltà fil-kurrikulu fir-rigward tas-sostenibbiltà, it-tnaqqis li ġie identifikat f'setturi partikolari, in-nuqqas*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' studenti b'ħiliet fix-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika kif ukoll fl-IT, u konċentrazzjoni tal-ġeneru f'xi setturi minflok ugwaljanza bejn is-sessi***; |

Or. en

**Emenda 23**
**Martina Dlabajová, Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-potenzjal għat-tkabbir fl-impjiegi "ekoloġiċi" huwa mfixkel minn nuqqas fil-ħiliet ***ikkawżat*** minn numru ta' fatturi; | billi l-potenzjal għat-tkabbir fl-impjiegi "ekoloġiċi" huwa mfixkel minn nuqqas ***u żbilanċ*** fil-ħiliet ***ikkawżati*** minn numru ta' fatturi; |

Or. en

**Emenda 24**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-protezzjoni tat-territorju biex jiġu evitati u miġġielda l-iżbilanċi idroġeoloġiċi tirrappreżenta settur li jista' jirrikjedi ammont kbir ta' ħaddiema ekoloġiċi;*** |

Or. it

**Emenda 25**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F. billi hemm evidenza ċara li l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, u l-iżvilupp tal-katina tal-provvista permezz ta' strateġija industrijali ċara għandhom impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 26**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F. billi hemm evidenza ċara li l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, u l-iżvilupp tal-katina tal-provvista permezz ta' strateġija industrijali ċara għandhom impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi ***hemm evidenza ċara li l-bidla*** mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent***, l-investiment fl-effiċjenza*** | F. billi ***huma neċessarji investigazzjonijiet preċiżi u indipendenti, li jistħarrġu l-implikazzjonijiet tat-trasferiment tat-taxxa*** |

| | |
|---|---|
| ***enerġetika u fir-riżorsi, u l-iżvilupp tal-katina tal-provvista permezz ta' strateġija industrijali ċara għandhom impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi***; | ***(pereżempju*** mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent***)***; |

Or. de

**Emenda 28**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hemm evidenza ***ċara*** li l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, u ***l-iżvilupp tal-katina tal-provvista permezz ta' strateġija*** industrijali ***ċara*** għandhom impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi; | F. billi hemm evidenza ***konflinġenti*** li l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, u ***l-istipular ta' inċentivi għal objettivi ambjentali filwaqt li jiġi mfittex it-tkabbir*** industrijali għandhom impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi; |

Or. en

**Emenda 29**
**Lynn Boylan, Tania González Peñas, Neoklis Sylikiotis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hemm evidenza ċara li ***l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent***, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, u l-iżvilupp tal-katina tal-provvista permezz ta' strateġija industrijali ċara għandhom impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi; | F. billi hemm evidenza ċara li l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, u l-iżvilupp tal-katina tal-provvista permezz ta' strateġija industrijali ċara għandhom impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi; |

Or. en

**Emenda 30**
**Krzysztof Hetman**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi ***hemm evidenza ċara li*** l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, u l-iżvilupp tal-katina tal-provvista permezz ta' strateġija industrijali ċara ***għandhom*** impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi; | F. billi l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, u l-iżvilupp tal-katina tal-provvista permezz ta' strateġija industrijali ċara ***jista' jkollhom*** impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi; |

Or. en

**Emenda 31**
**Csaba Molnár**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hemm evidenza ċara li l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, u l-iżvilupp tal-katina tal-provvista permezz ta' strateġija industrijali ċara għandhom impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi; | F. billi hemm evidenza ċara li l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi, u l-iżvilupp tal-katina tal-provvista permezz ta' strateġija industrijali ċara għandhom impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi; ***jenfasizza l-importanza tar-riforma tat-taxxi ambjentali, li se jkun meħtieġ li jiġu ttrasferiti għal fuq it-tniġġis;*** |

Or. hu

**Emenda 32**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi l-Ewropa tinsab f'kompetizzjoni globali u l-ispejjeż affordabbli tal-enerġija, il-kompletar tas-suq intern tal-UE u ambjent imtejjeb tal-investiment għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi għandhom rwol deċiżiv f'dan ir-rigward;*** |

Or. de

**Emenda 33**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi ċertu setturi, bħar-rinnovament tal-bini b'mod effiċjenti fl-enerġija, huma speċifiċi għas-sit u ma jistgħux jintbagħtu barra mill-pajjiż jew jiġu rilokati;*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fb. billi l-inċertezza u n-nuqqas ta' koerenza fid-direzzjoni tal-politika u n-nuqqas ta' objettivi ċari jfixklu l-investiment, l-iżvilupp tal-ħiliet, ir-R&Ż u*** |

***għalhekk ifixklu l-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' impjiegi;***

Or. en

**Emenda 35**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fc (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fc. billi kuxjenza soċjetarja akbar dwar l-importanza tal-ħtieġa għall-ekonomija ekoloġika ttejjeb il-possibilitajiet ta' impjieg;*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi objettivi ċari, fissi, fuq perjodu ta' żmien medju sa perjodu ta' żmien fit-tul jistgħu jkunu motivaturi importanti għall-bidla, u billi r-regolamentazzjoni tal-UE wkoll għandha rwol importanti f'dan ir-rigward; billi investiment immirat li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi għandu jiġi minn, u jkun konsistenti ma', qafas ta' politika ċar; | G. billi objettivi ***tat-tniġġis*** ċari, fissi, fuq perjodu ta' żmien medju sa perjodu ta' żmien fit-tul jistgħu jkunu motivaturi importanti għall-bidla, u billi r-regolamentazzjoni tal-UE wkoll għandha rwol importanti f'dan ir-rigward; billi investiment immirat li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi għandu jiġi minn, u jkun konsistenti ma', qafas ta' politika ***nazzjonali*** ċar; |

Or. en

**Emenda 37**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi objettivi ċari, fissi, fuq perjodu ta' żmien medju sa perjodu ta' żmien fit-tul jistgħu jkunu motivaturi importanti għall-bidla, u billi r-regolamentazzjoni tal-UE wkoll għandha rwol importanti f'dan ir-rigward; billi investiment immirat li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi għandu jiġi minn, u jkun konsistenti ma', qafas ta' politika ċar***;*** | G. billi objettivi ċari, fissi, fuq perjodu ta' żmien medju sa perjodu ta' żmien fit-tul jistgħu jkunu motivaturi importanti għall-bidla, u billi r-regolamentazzjoni tal-UE wkoll għandha rwol importanti f'dan ir-rigward; billi investiment immirat***, inkluż fl-iżvilupp tal-katini ta' provvista fi ħdan l-UE,*** li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi għandu jiġi minn, u jkun konsistenti ma', qafas ta' politika ċar; |

Or. en

**Emenda 38**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi s-settur pubbliku u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom rwol importanti fil-faċilitazzjoni tat-tranżizzjonijiet lejn ekonomija ekoloġika u l-ħolqien ta' swieq tax-xogħol inklużivi;*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Ga. billi strumenti bħall-Ekotikketta, l-EMAS u l-APE jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi;*** |

Or. it

**Emenda 40**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| H. billi l-SMEs huma ġeneraturi importanti tal-impjiegi u kienu minn ta' quddiem f'ħafna mis-setturi "ekoloġiċi", iżda jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari fl-ilħuq tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ***tat-tranżizzjoni***; | H. billi l-SMEs huma ġeneraturi importanti tal-impjiegi u kienu minn ta' quddiem f'ħafna mis-setturi "ekoloġiċi", iżda jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari fl-ilħuq tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi; |

Or. en

**Emenda 41**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| H. billi l-SMEs huma ġeneraturi importanti tal-impjiegi u kienu minn ta' quddiem f'ħafna mis-setturi "ekoloġiċi", iżda jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari fl-ilħuq tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi tat-tranżizzjoni; | H. billi l-SMEs ***fl-UE*** huma ***l-iktar*** ġeneraturi importanti tal-impjiegi***, jipprovdu ferm iktar minn 80 % tal-impjiegi kollha*** u kienu minn ta' quddiem f'ħafna mis-setturi "ekoloġiċi", iżda jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari fl-ilħuq tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi tat-tranżizzjoni; |

Or. de

**Emenda 42**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi ***l-SMEs*** huma ġeneraturi importanti tal-impjiegi u kienu minn ta' quddiem f'ħafna mis-setturi "ekoloġiċi", iżda jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari fl-ilħuq tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi tat-tranżizzjoni; | H. billi ***l-intrapriżi mikro, żgħar, u ta' daqs medju*** huma ġeneraturi importanti tal-impjiegi u kienu minn ta' quddiem f'ħafna mis-setturi "ekoloġiċi", iżda jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari fl-ilħuq tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi tat-tranżizzjoni; |

Or. it

**Emenda 43**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi l-SMEs huma ġeneraturi importanti tal-impjiegi u kienu minn ta' quddiem f'ħafna mis-setturi "ekoloġiċi", iżda jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari fl-ilħuq tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi tat-tranżizzjoni; | H. billi l-SMEs huma ġeneraturi importanti tal-impjiegi u kienu minn ta' quddiem f'ħafna mis-setturi "ekoloġiċi", iżda jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari ***biex jantiċipaw il-ħiliet meħtieġa u*** fl-ilħuq tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi tat-tranżizzjoni; |

Or. en

**Emenda 44**
**Krzysztof Hetman**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi s-settur tal-agrikoltura għandu l-potenzjal li jipprovdi impjiegi ekoloġiċi ta' kwalità tajba;*** |

Or. en

**Emenda 45**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***H a. billi politika tal-UE ambizzjuża u koerenti għas-sorsi tal-enerġija rinovabbli għandha l-potenzjal li toħloq 3 miljun impjieg fis-settur tal-enerġija rinovabbli sal-2020;*** |

Or. en

**Emenda 46**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi l-Linji Gwida Integrati huma aspett ewlieni tal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tax-xogħol tal-Istati Membri u jiffurmaw il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, u billi għandhom isejsu l-objettivi tal-Ewropa 2020, notevolment l-objettiv tal-impjiegi billi jiġi promoss il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità permezz ukoll tal-impjiegi ekoloġiċi;*** |

Or. en

**Emenda 47**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi jeħtieġ li n-nisa jibbenefikaw bl-istess mod mill-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi adatti u jeħtieġ li s-"saqaf tal-ħġieġ" jinkiser;*** |

Or. cs

**Emenda 48**
**Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi r-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol qed jimpedixxu l-ħolqien tal-impjiegi, filwaqt li suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE jista' jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-impjiegi tal-Ewropa 2020;*** |

Or. en

**Emenda 49**
**Ole Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi setturi b'emissjonijiet baxxi fil-*** |

| | |
|---|---|
| | ***karbonju aktarx ikollhom produttività tax-xogħol ogħla u l-ishma tal-pagi kellhom inqas tnaqqis f'dawn is-setturi milli fl-iktar 15-il industrija li jemettu;*** |

Or. en

**Emenda 50**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi d-dejta tal-Ewrobarometru dwar xogħol ekoloġiku fl-SMEs turi li l-iffrankar tal-enerġija, it-tnaqqis tal-iskart, u t-tnaqqis tal-użu ta' materja prima huma miżuri li saru ekonomikament vantaġġjużi;*** |

Or. it

**Emenda 51**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Hb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Hb. billi l-miżuri ta' awsterità kellhom riperkussjonijiet serji ħafna għan-nisa; billi l-ekonomija ekoloġika għandha t-tendenza li toħloq impjiegi mhux stabbli;*** |

Or. cs

**Emenda 52**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji sostenibbli, li jinkludu mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, tiġġenera l-potenzjal kemm biex jinħolqu impjiegi ġodda kif ukoll biex l-impjiegi eżistenti jiġu ttrasformati f'impjiegi ekoloġiċi kważi fis-setturi kollha u fil-katina tal-valur kollha; | 1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji sostenibbli, li jinkludu mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, ***tista'*** tiġġenera l-potenzjal kemm biex jinħolqu impjiegi ġodda kif ukoll biex l-impjiegi eżistenti jiġu ttrasformati f'impjiegi ekoloġiċi kważi fis-setturi kollha u fil-katina tal-valur kollha; |

Or. de

**Emenda 53**
**Csaba Molnár**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji sostenibbli, li jinkludu mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, tiġġenera l-potenzjal kemm biex jinħolqu impjiegi ġodda kif ukoll biex l-impjiegi eżistenti jiġu ttrasformati f'impjiegi ekoloġiċi kważi fis-setturi kollha u fil-katina tal-valur kollha; | 1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji sostenibbli, li jinkludu mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, tiġġenera l-potenzjal kemm biex jinħolqu impjiegi ġodda kif ukoll biex l-impjiegi eżistenti jiġu ttrasformati f'impjiegi ekoloġiċi kważi fis-setturi kollha u fil-katina tal-valur kollha; ***jenfasizza, fl-istess ħin, li minbarra li joħloq għadd kbir ta' impjiegi, l-investiment fl-enerġiji rinnovabbli u fl-użu effiċjenti tal-enerġija jikkontribwixxi għaż-żamma tal-kompetittività ekonomika u industrijali tal-Ewropa u għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Ewropa fuq l-enerġija;*** |

Or. hu

**Emenda 54**
**Jean Lambert**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji sostenibbli, li jinkludu mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, tiġġenera l-potenzjal kemm biex jinħolqu impjiegi ġodda kif ukoll biex l-impjiegi eżistenti jiġu ttrasformati f'impjiegi ekoloġiċi kważi fis-setturi kollha u fil-katina tal-valur kollha; | 1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji sostenibbli, inklużi mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, tiġġenera l-potenzjal li jinħolqu impjiegi ekoloġiċi ġodda u impjiegi eżistenti jiġu mibdula f'impjiegi ekoloġiċi fi kważi s-setturi kollha u tul il-katina tal-valur kollha***: mir-riċerka sal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-forniment ta' servizz, u f'setturi ta' teknoloġija avvanzata ekoloġika ġdida bħalma huma l-enerġiji rinovabbli kif ukoll l-industriji tradizzjonali bħalma huma dik tal-manifattura u tal-kostruzzjoni, jew l-agrikoltura u s-sajd, jew is-setturi tas-servizzi bħat-turiżmu, il-forniment tal-ikel, it-trasport u l-edukazzjoni***; |

Or. en

**Emenda 55**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji sostenibbli, li jinkludu mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, tiġġenera l-potenzjal kemm biex jinħolqu impjiegi ġodda kif ukoll biex l-impjiegi eżistenti jiġu ttrasformati f'impjiegi ekoloġiċi kważi fis-setturi kollha u fil-katina tal-valur kollha; | 1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji sostenibbli, li jinkludu mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, tiġġenera l-potenzjal kemm biex jinħolqu impjiegi ġodda kif ukoll biex l-impjiegi eżistenti jiġu ttrasformati f'impjiegi ekoloġiċi kważi fis-setturi kollha u fil-katina tal-valur kollha; ***jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li jinstab bilanċ xieraq bejn politika ambizzjuża u koerenti għall-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija*** |

***Ewropea filwaqt li fl-istess waqt tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea;***

Or. en

**Emenda 56**
**Ole Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji sostenibbli, li jinkludu mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, tiġġenera l-potenzjal kemm biex jinħolqu impjiegi ġodda kif ukoll biex l-impjiegi eżistenti jiġu ttrasformati f'impjiegi ekoloġiċi kważi fis-setturi kollha u fil-katina tal-valur kollha; | 1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji sostenibbli, li jinkludu mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, tiġġenera l-potenzjal kemm biex jinħolqu impjiegi ġodda ***ta' kwalità*** kif ukoll biex l-impjiegi eżistenti jiġu ttrasformati f'impjiegi ekoloġiċi kważi fis-setturi kollha u fil-katina tal-valur kollha; |

Or. en

**Emenda 57**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jinnota li t-tranżizzjoni għandha potenzjal sinifikanti biex toħloq impjiegi lokali li ma jistgħux jintbagħtu barra mill-pajjiż, ***inkluż*** fis-setturi milquta mill-kriżi; | 2. Jinnota li t-tranżizzjoni ***ekoloġika*** għandha potenzjal sinifikanti biex toħloq impjiegi lokali ***f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li ma jistgħux jiġu rilokati, f'oqsma*** li ma jistgħux jintbagħtu barra mill-pajjiż, ***u*** fis-setturi milquta mill-kriżi ***bħas-settur tal-kostruzzjoni; jinnota li hemm evidenza qawwija li t-tranżizzjoni ekoloġika, fl-aħħar mill-aħħar, se jkollha impatt pożittiv fuq l-impjiegi, u dan jirrifletti l-fatt li l-attivitajiet ekonomiċi*** |

***sostenibbli bħall-iffrankar tal-enerġija jew il-biedja organika jirrikjedu aktar ħaddiema mill-attivitajiet li qegħdin jissostitwixxu***;

Or. en

**Emenda 58**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jinnota li t-tranżizzjoni għandha potenzjal sinifikanti biex toħloq impjiegi lokali li ma jistgħux jintbagħtu barra mill-pajjiż, inkluż fis-setturi milquta mill-kriżi; | 2. Jinnota li t-tranżizzjoni għandha potenzjal sinifikanti biex toħloq impjiegi lokali li ma jistgħux jintbagħtu barra mill-pajjiż, inkluż fis-setturi milquta mill-kriżi; ***għandha ssir aktar enfasi fuq l-għoti ta' livell ogħla ta' awtosuffiċjenza lir-reġjuni differenti billi jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-abitanti tagħhom u titnaqqas id-dipendenza tagħhom fuq il-prodotti impurtati minn barra l-pajjiż;*** |

Or. cs

**Emenda 59**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jinnota li t-tranżizzjoni għandha potenzjal sinifikanti biex toħloq impjiegi lokali li ma jistgħux jintbagħtu barra mill-pajjiż, inkluż fis-setturi milquta mill-kriżi; | 2. Jinnota li t-tranżizzjoni għandha potenzjal sinifikanti biex ***jew tkisser impjiegi lokali jew*** toħloq impjiegi lokali, li ***xi wħud minnhom*** ma jistgħux jintbagħtu barra mill-pajjiż, inkluż fis-setturi milquta mill-kriżi; |

Or. en

**Emenda 60**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jinnota li xi Stati Membri għamlu progress konsiderevoli fl-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija, iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri dwar il-progress li għamlu f'dan il-qasam u l-isforzi tal-politiki ekoloġiċi tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Iqis li għandha tiġi adottata definizzjoni miftiehma ta' "impjiegi ekoloġiċi", ibbażata fuq dik tal-ILO u tal-Konferenza Internazzjonali tal-Esperti tal-Istatistika;*** |

Or. en

**Emenda 62**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Tranżizzjoni ġusta u ***xogħol diċenti*** | Tranżizzjoni ġusta u ***ħolqien tal-impjiegi*** |

Or. en

**Emenda 63**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li r-ristrutturar għandu jitwettaq b'mod soċjalment responsabbli; | 3. Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li r-ristrutturar għandu jitwettaq b'mod soċjalment responsabbli ***filwaqt li fl-istess waqt tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa ta' ristrutturar tal-kumpaniji***; |

Or. en

**Emenda 64**
**Lynn Boylan, Rina Ronja Kari, Tania González Peñas, Neoklis Sylikiotis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżomm koerenza politika dwar il-ħtieġa għall-impjiegi ekoloġiċi, tranżizzjoni ġusta u xogħol diċenti fl-oqsma kollha tal-ħidma tagħha, inkluż billi tippromwovi din l-aġenda fil-Linji Gwida Integrati dwar il-politiki ekonomiċi u tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal nett tal-impjiegi tal-ekonomija ekoloġika, jemmen li huwa kruċjali li l-forza tax-xogħol eżistenti tagħna tiġi pprovduta bl-opportunitajiet xierqa biex tikseb il-ħiliet ġodda meħtieġa għall-ekonomija ċirkolari;*** |

Or. en

**Emenda 66**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu politiki għas-sigurtà u r-riabilitazzjoni tal-bini pubbliku biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u jitnaqqsu l-konsumi;*** |

Or. it

**Emenda 67**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri ***jimpenjaw irwieħhom għal "pjan*** | 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri ***jippromwovu objettivi ambjentali*** |

| | |
|---|---|
| ***direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" li jikkombina fih objettivi ambjentali ambizzjużi ma'*** rekwiżiti soċjali ***b'saħħithom, inkluża l-promozzjoni ta'*** xogħol ***diċenti,*** kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri***,*** taħriġ ***u programmi ta' ħiliet,*** it-tisħiħ ***tal-informazzjoni*** tal-ħaddiema***, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet li jittrattaw l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll ta'*** rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol; | ***u jadottaw*** rekwiżiti soċjali ***mmirati kif ukoll jippromwovu l-aspetti li ġejjin:*** xogħol ***deċenti;*** kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri***; programmi għal*** taħriġ ***u kwalifiki kif ukoll*** it-tisħiħ ***tad-drittijiet*** tal-ħaddiema ***u*** rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol; |

Or. de

**Emenda 68**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom għal "pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" li jikkombina fih objettivi ambjentali ambizzjużi ma' ***rekwiżiti soċjali b'saħħithom, inkluża l-promozzjoni ta' xogħol diċenti, kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, taħriġ u programmi ta' ħiliet, it-tisħiħ tal-informazzjoni tal-ħaddiema, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet li jittrattaw l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll ta' rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol***; | 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom għal "pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" li jikkombina fih objettivi ambjentali ambizzjużi ma' ***strateġija ambizzjuża għall-ħolqien ta' impjiegi aħjar u sostenibbli li jinkludu l-indirizzar tal-iżbilanċ fil-ħiliet fl-Ewropa b'mod ġenerali iżda b'attenzjoni partikolari lejn l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-ħiliet tal-ekonomija iżjed ekoloġika***; |

Or. en

**Emenda 69**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom għal "pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" li ***jikkombina fih*** objettivi ambjentali ***ambizzjużi*** ma' ***rekwiżiti*** soċjali ***b'saħħithom***, inkluża l-promozzjoni ta' xogħol ***diċenti***, kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, taħriġ u programmi ta' ħiliet, it-tisħiħ tal-informazzjoni tal-ħaddiema, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet li jittrattaw l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll ta' rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol; | 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom għal "pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" li ***fil-kuntest tiegħu*** objettivi ambjentali ***jiġu kkunsidrati flimkien*** ma' ***kwistjonijiet*** soċjali ***u ekonomiċi***, inkluża l-promozzjoni ta' xogħol ***deċenti***, kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, taħriġ u programmi ta' ħiliet, it-tisħiħ tal-informazzjoni tal-ħaddiema, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet li jittrattaw l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll ta' rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol; |

Or. de

**Emenda 70**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom għal "pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" ***li jikkombina*** fih objettivi ambjentali ambizzjużi ma' rekwiżiti soċjali b'saħħithom, inkluża l-promozzjoni ta' xogħol diċenti, kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, taħriġ u programmi ta' ħiliet, it-tisħiħ tal-informazzjoni tal-ħaddiema, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet li jittrattaw l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll ta' rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol; | 4. Jistieden lill-Kummissjoni ***Ewropea*** u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom għal "pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" ***biex jikkombinaw*** fih objettivi ambjentali ambizzjużi ma' rekwiżiti soċjali b'saħħithom, inkluża l-promozzjoni ta' xogħol diċenti ***bi protezzjoni soċjali u livelli tax-xogħol adegwati***, kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, ***investimenti mmexxija mill-gvernijiet fl-edukazzjoni,*** taħriġ u programmi ta' ħiliet, ***rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u*** t-tisħiħ tal-informazzjoni tal-ħaddiema, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet li jittrattaw |

l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll ta' rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol***, u sistemi ta' protezzjoni tas-sigurtà soċjali b'saħħithom u effiċjenti għall-ħaddiema u l-komunitajiet affettwati mill-bidla***;

Or. en

**Emenda 71**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom għal "pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" li jikkombina fih objettivi ambjentali ambizzjużi ma' rekwiżiti soċjali b'saħħithom, inkluża l-promozzjoni ta' ***xogħol diċenti***, kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, taħriġ u programmi ta' ħiliet, it-tisħiħ tal-informazzjoni tal-ħaddiema, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet li jittrattaw l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll ta' rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol; | 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom għal "pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" li jikkombina fih objettivi ambjentali ambizzjużi ma' rekwiżiti soċjali b'saħħithom, inkluża l-promozzjoni ta' ***impjiegi għal żmien indeterminat li jinkludu pagi soġġetti għal ftehim kollettiv u sigurtà soċjali komprensiva***, kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, taħriġ u programmi ta' ħiliet, it-tisħiħ tal-informazzjoni tal-ħaddiema, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet li jittrattaw l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll ta' rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol; |

Or. de

**Emenda 72**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom għal "pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" li jikkombina fih objettivi ambjentali ambizzjużi ma' ***rekwiżiti*** soċjali b'saħħithom, inkluża l-promozzjoni ta' xogħol diċenti, kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, taħriġ u programmi ta' ħiliet, it-tisħiħ tal-informazzjoni tal-ħaddiema, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet li jittrattaw l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll ta' rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol; | 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom għal "pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni ġusta" li jikkombina fih objettivi ambjentali ambizzjużi ma' ***miri*** soċjali b'saħħithom, inkluża l-promozzjoni ta' xogħol diċenti, kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, taħriġ u programmi ta' ħiliet, it-tisħiħ tal-informazzjoni tal-ħaddiema, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet li jittrattaw l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll ta' rappreżentazzjoni effettiva tal-forza tax-xogħol***, jenfasizza li dawn ir-rekwiżiti jeħtieġ li jkunu objettivi, iżda mhux rekwiżiti, għall-gvernijiet nazzjonali***; |

Or. en

**Emenda 73**
**Lynn Boylan, Rina Ronja Kari, Tania González Peñas, Neoklis Sylikiotis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li "tranżizzjoni ġusta" u aġenda tax-xogħol diċenti jkunu parti mill-pożizzjoni tagħha fin-negozjati dwar il-klima fis-samit tal-COP21 ta' dis-sena f'Pariġi;*** |

Or. en

**Emenda 74**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Ifakkar li l-istrateġija riveduta tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza għandha tikkunsidra ***r-riskji speċifiċi*** fis-setturi l-ġodda; | 5. Ifakkar li l-istrateġija riveduta tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza għandha tikkunsidra ***l-iżviluppi*** fis-setturi l-ġodda; |

Or. en

**Emenda 75**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Ifakkar li l-istrateġija riveduta tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza għandha tikkunsidra r-riskji speċifiċi fis-setturi l-ġodda; | 5. Ifakkar li l-istrateġija riveduta tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza għandha tikkunsidra***, fejn ikun xieraq,*** ir-riskji speċifiċi ***li huma identifikati minn evidenza xjentifika robusta*** fis-setturi l-ġodda; |

Or. en

**Emenda 76**
**Glenis Willmott, Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Fid-dawl tar-riskji ġodda għas-saħħa u s-sikurezza f'dan is-settur li qed jiżviluppa, jibqa' jopponi bis-saħħa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirtira numru ta' proposti leġiżlattivi, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-mard muskoloskeletali u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-karċinoġeni; jiddeplora l-fatt li l-proposta għall-irtirar ġiet*** |

***imħabbra mingħajr ġustifikazzjoni u fl-assenza ta' konsultazzjoni mas-sħab involuti;***

Or. en

**Emenda 77**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsibu modi aħjar għall-ġbir tad-dejta sabiex b'hekk tkun tista' titwettaq analiżi aktar dettaljata tal-impjiegi ġodda. Id-dejta għandha tiġi diviża b'mod li jkun possibbli li jiġi kkunsidrat il-fattur tas-sessi. Meta ssir l-analiżi tal-kwalità tal-impjiegi ekoloġiċi, u b'mod partikolari tas-salarji li joffru, għandhom jiġu kkunsidrati n-nuqqas ta' djalogu soċjali u n-negozjati ta' ftehimiet kollettivi fil-parti l-kbira tas-setturi ħodor.*** |

Or. cs

**Emenda 78**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-antiċipazzjoni tal-bidla fl-impjiegi ***teħtieġ ġestjoni proattiva tat-trasformazzjoni u li l-ippjanar fit-tul huwa essenzjali għall-iżgurar ta' tranżizzjoni effettiva u impjiegi stabbli***; | 6. Jenfasizza li l-antiċipazzjoni tal-bidla fl-impjiegi ***ma tistax issir b'mod affidabbli minn burokrazija minħabba n-nuqqas ta' kapaċità li tiġi antiċipata l-bidla, jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rispettati il-prinċipju tas-sussidjarjetà u d-dipendenza*** |

*fuq il-forzi tas-suq*;

Or. en

**Emenda 79**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-antiċipazzjoni tal-bidla fl-impjiegi ***teħtieġ*** ġestjoni proattiva tat-trasformazzjoni u li l-ippjanar fit-tul huwa essenzjali għall-iżgurar ta' tranżizzjoni effettiva u impjiegi ***stabbli***; | 6. Jenfasizza li l-antiċipazzjoni tal-bidla fl-impjiegi ***tirrikjedi*** ġestjoni proattiva tat-trasformazzjoni, ***ġbir imtejjeb tad-dejta ta' kwalità għolja dwar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, enfasi mill-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol*** u li l-ippjanar fit-tul huwa essenzjali għall-iżgurar ta' tranżizzjoni effettiva u ***iktar*** impjiegi***; jenfasizza r-rwol importanti li għandhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tranżizzjoni lejn ekonomija iżjed ekoloġika fl-edukazzjoni, l-infrastruttura, l-appoġġ lin-negozji lokali u l-ħolqien ta' servizzi tal-impjieg***; |

Or. en

**Emenda 80**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-antiċipazzjoni tal-bidla fl-impjiegi teħtieġ ġestjoni proattiva tat-trasformazzjoni u li l-ippjanar fit-tul huwa essenzjali għall-iżgurar ta' tranżizzjoni effettiva u impjiegi ***stabbli***; | 6. Jenfasizza li l-antiċipazzjoni tal-bidla fl-impjiegi teħtieġ ġestjoni proattiva tat-trasformazzjoni u li l-ippjanar fit-tul huwa essenzjali għall-iżgurar ta' tranżizzjoni effettiva u ***tal-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli, għal żmien indeterminat u*** |

| | |
|---|---|
| | ***soġġetti għal ftehim kollettiv, jenfasizza li d-Djalogu Soċjali jeħtieġ ikun element indispensabbli tal-ġestjoni tat-trasformazzjoni***; |

Or. de

**Emenda 81**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-antiċipazzjoni tal-bidla fl-impjiegi teħtieġ ġestjoni proattiva tat-trasformazzjoni u li l-ippjanar fit-tul huwa essenzjali għall-iżgurar ta' tranżizzjoni effettiva u impjiegi stabbli; | 6. Jenfasizza li l-antiċipazzjoni tal-bidla fl-impjiegi teħtieġ ġestjoni proattiva tat-trasformazzjoni u li l-ippjanar fit-tul huwa essenzjali għall-iżgurar ta' tranżizzjoni effettiva u impjiegi stabbli; ***jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-gvernijiet reġjonali u lokali u l-imsieħba soċjali biex jieħdu r-responsabbiltà tagħhom u jittrattaw din l-isfida kollettivament;*** |

Or. en

**Emenda 82**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. jenfasizza li, meta t-taxxi fuq ix-xogħol jiġu sostitwiti b'mod gradwali minn taxxi ambjentali, ikun meħtieġ li jiġi żgurat li din il-bidla ma jkollhiex riperkussjonijiet mhux mixtieqa fuq is-sistema tas-sigurtà soċjali;*** |

Or. cs

**Emenda 83**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jinnota li r-rwol tal-imsieħba soċjali fit-tranżizzjoni lejn l-impjiegi ekoloġiċi beda jiżdied b'mod gradwali fis-snin li għaddew, iżda jfakkar li għandu jsir iktar biex jinbena djalogu soċjali dejjiemi u sostenibbli li jista' jgħin sabiex jintlaqgħu l-isfidi li ġġib magħha l-bidla lejn ekonomija kompetittiva, b'użu baxx ta' karbonju u effiċjenti fir-riżorsi;*** |

Or. en

**Emenda 84**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jenfasizza l-importanza tal-gvernijiet nazzjonali fil-promozzjoni tad-djalogu soċjali settorjali, speċjalment fl-industriji ekoloġiċi ġodda emerġenti u wkoll fl-iżgurar tal-inklużjoni tal-SMEs;*** |

Or. en

**Emenda 85**
**Emilian Pavel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li xi reġjuni qed jiffaċċjaw aktar sfidi minn oħrajn; jistieden lill-gvernijiet lokali u reġjonali u ***lill-imsieħba*** soċjali ***kollettivament*** biex jimplimentaw pjanijiet direzzjonali li ***jappoġġjaw*** il-komunitajiet u l-ħaddiema affettwati mill-bidla; | 7. Jinnota li xi reġjuni qed jiffaċċjaw aktar sfidi minn oħrajn; jistieden ***lill-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, u*** lill-gvernijiet lokali u reġjonali ***sabiex jikkollaboraw mal-imsieħba*** soċjali ***u*** biex ***kollettivament*** jimplimentaw pjanijiet direzzjonali ***u mekkaniżmi ta' solidarjetà (jiġifieri l-kumpensi finanzjarji kif ukoll it-taħriġ mill-ġdid u l-impjiegi alternattivi)*** li ***jappoġġjaw*** il-komunitajiet u l-ħaddiema affettwati mill-bidla; |

Or. en

**Emenda 86**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li xi reġjuni qed jiffaċċjaw aktar sfidi minn oħrajn; jistieden lill-gvernijiet lokali u reġjonali u lill-imsieħba soċjali kollettivament biex jimplimentaw pjanijiet direzzjonali li jappoġġjaw il-komunitajiet u l-ħaddiema affettwati mill-bidla; | 7. Jinnota li xi reġjuni qed jiffaċċjaw aktar sfidi minn oħrajn ***minħabba l-konċentrazzjoni ġeografika tal-industriji intensivi fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi u ta' industriji li jniġġsu, jew ta' livelli għoljin ta' faqar jew qgħad***; jistieden lill-gvernijiet lokali u reġjonali u lill-imsieħba soċjali kollettivament biex jimplimentaw pjanijiet direzzjonali ***għat-tranżizzjoni ġusta biex ikun hemm tranżizzjoni soċjalment ġusta u ekoloġika għall-ekonomiji lokali u reġjonali tagħhom,*** li jappoġġjaw il-komunitajiet u l-ħaddiema affettwati mill-bidla***, titnaqqas l-insigurtà minħabba l-ispustament tal-impjiegi u jiġi żgurat li tiġi ssodisfata d-domanda għal ħiliet ġodda fl-impjiegi.*** |

Or. en

**Emenda 87**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jenfasizza li l-awtoritajiet lokali jista' jkollhom rwol ewlieni fil-promozzjoni tat-tkabbir tal-impjiegi fl-ekonomija ekoloġika, u aktar impjiegi diċenti u inklużivi permezz ta':*** |
| | ***- l-investiment ekoloġiku,*** |
| | ***- l-ingranaġġ tas-saħħa tal-akkwist pubbliku, inkluż l-użu tal-klawżoli soċjali u ambjentali fl-akkwist pubbliku,*** |
| | ***- il-ħolqien ta' sħubijiet, inkluż mal-istituzzjonijiet tat-taħriġ, biex jitjieb it-tqabbil bejn l-impjiegi u l-ħiliet fis-suq tax-xogħol lokali,*** |
| | ***- appoġġ kemm lill-SMEs ekoloġiċi kif ukoll għall-ekoloġizzazzjoni tal-SMEs,*** |
| | ***- l-istabbiliment ta' programmi ta' impjieg ekoloġiċi inklużivi li jiżguraw li l-gruppi vulnerabbli jikkapitalizzaw ukoll fuq it-tkabbir ekoloġiku;*** |

Or. en

**Emenda 88**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jenfasizza l-importanza tal- | 8. Jenfasizza l-importanza tal- |

| | |
|---|---|
| parteċipazzjoni ***tal-ħaddiema*** f'dawn il-bidliet; jitlob l-involviment tar-rappreżentanti "ekoloġiċi" li jaħdmu ***mal-impjegaturi sabiex tiżdied is-sostenibbiltà fil-postijiet tax-xogħol tagħhom***; | parteċipazzjoni ***tar-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali*** f'dawn il-bidliet; jitlob l-involviment tar-rappreżentanti "ekoloġiċi" ***tal-imsieħba soċjali fuq bażi voluntarja*** li jaħdmu ***flimkien fuq it-tisħiħ tal-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija***; |

Or. en

**Emenda 89**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8.Jenfasizza ***l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema*** f'dawn il-bidliet; ***jitlob*** l-involviment tar-rappreżentanti "ekoloġiċi" li jaħdmu mal-impjegaturi sabiex tiżdied is-sostenibbiltà fil-postijiet tax-xogħol tagħhom; | 8.Jenfasizza ***li l-ħaddiema għandhom ikunu involuti*** f'dawn il-bidliet; ***jirrakkomanda*** l-involviment tar-rappreżentanti "ekoloġiċi" li jaħdmu mal-impjegaturi sabiex tiżdied is-sostenibbiltà fil-postijiet tax-xogħol tagħhom; |

Or. de

**Emenda 90**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8.Jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'dawn il-bidliet; jitlob l-involviment tar-rappreżentanti ***"ekoloġiċi"*** li jaħdmu mal-impjegaturi sabiex tiżdied is-sostenibbiltà fil-postijiet tax-xogħol tagħhom; | 8.Jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni ***kruċjali*** tal-ħaddiema f'dawn il-bidliet; jitlob l-involviment tar-rappreżentanti ***tat-trade unions*** li jaħdmu mal-impjegaturi sabiex tiżdied is-sostenibbiltà fil-postijiet tax-xogħol tagħhom; |

Or. de

**Emenda 91**
**Lynn Boylan, Rina Ronja Kari, Tania González Peñas, Neoklis Sylikiotis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'dawn il-bidliet; jitlob l-involviment tar-rappreżentanti "ekoloġiċi" li jaħdmu mal-impjegaturi sabiex tiżdied is-sostenibbiltà fil-postijiet tax-xogħol tagħhom; | 8. Jenfasizza l-importanza ***kritika*** tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema ***fil-kisba ta'*** dawn il-bidliet; ***jinnota li t-trejdjunjins iddikjaraw li n-nuqqas ta' kwalunkwe obbligu legali fuq l-impjegaturi li jinkludu lir-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-programmi ta' postijiet tax-xogħol ekoloġiċi qed jimblokka l-potenzjal ta' din is-sħubija;*** jitlob ***lill-Istati Membri jiżguraw*** l-involviment tar-rappreżentanti "ekoloġiċi" li jaħdmu mal-impjegaturi sabiex tiżdied is-sostenibbiltà fil-postijiet tax-xogħol tagħhom; |

Or. en

**Emenda 92**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'dawn il-bidliet; jitlob l-involviment tar-rappreżentanti "ekoloġiċi" li jaħdmu mal-impjegaturi sabiex tiżdied is-sostenibbiltà fil-postijiet tax-xogħol tagħhom; | 8. Jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'dawn il-bidliet; jitlob l-involviment tar-rappreżentanti "ekoloġiċi" li jaħdmu mal-impjegaturi sabiex tiżdied is-sostenibbiltà fil-postijiet tax-xogħol tagħhom; ***jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ immirat għall-inizjattivi konġunti bejn il-ħaddiema u l-impjegaturi għall-ekoloġizzazzjoni tal-industriji*** |

Or. en

**Emenda 93**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Iqis li għandhom jiġu żviluppati proġetti pilota ta' appoġġ għal xi wħud minn dawn l-objettivi;*** |

Or. en

**Emenda 94**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tuża l-Iskemi Mmirati ta' Mobbiltà għall-Ħaddiema taħt il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) biex tippromwovi l-mobbiltà tax-xogħol għal min ifittex ix-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 95**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jilqa' l-għodod għall-iżvilupp tal-ħiliet u t-tbassir tal-ħtiġijiet tal-ħiliet proposti mill-Kummissjoni; jenfasizza***, madankollu, li hija meħtieġa azzjoni aktar ambizzjuża***; | 9. Jilqa' l-għodod għall-iżvilupp tal-ħiliet u t-tbassir tal-ħtiġijiet tal-ħiliet proposti mill-Kummissjoni; jenfasizza ***li l-iżvilupp tal-ħiliet għandu jinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-ħiliet STEM li, b'mod wiesa', huma aktar utli f'ekonomija***; |

Or. en

**Emenda 96**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jilqa' l-għodod għall-iżvilupp tal-ħiliet u t-tbassir tal-ħtiġijiet tal-ħiliet proposti mill-Kummissjoni; jenfasizza, madankollu, li hija meħtieġa azzjoni aktar ambizzjuża; | 9. Jilqa' l-għodod għall-iżvilupp tal-ħiliet u t-tbassir tal-ħtiġijiet tal-ħiliet proposti mill-Kummissjoni; jenfasizza, madankollu, li hija meħtieġa azzjoni aktar ambizzjuża ***u attenzjoni aktar partikolari fuq l-SMEs***; ***jemmen li sabiex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet tal-futur, il-partijiet interessati kollha fis-suq tax-xogħol għandhom ikunu involuti sew fil-livelli kollha;*** |

Or. en

**Emenda 97**
**Lynn Boylan, Rina Ronja Kari, Tania González Peñas, Neoklis Sylikiotis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jilqa' l-għodod għall-iżvilupp tal-ħiliet u t-tbassir tal-ħtiġijiet tal-ħiliet proposti mill-Kummissjoni; jenfasizza, madankollu, li ***hija*** meħtieġa azzjoni aktar ambizzjuża; | 9. Jilqa' l-għodod għall-iżvilupp tal-ħiliet u t-tbassir tal-ħtiġijiet tal-ħiliet proposti mill-Kummissjoni; jenfasizza, madankollu, li ***huma*** meħtieġa azzjoni aktar ambizzjuża ***u*** |

| | |
|---|---|
| | ***investiment***; |

Or. en

**Emenda 98**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jistieden lill-Kummissjoni twaqqaf bażi ta' dejta li telenka l-korsijiet ta' taħriġ, l-offerti ta' impjieg u l-aħjar prattiki relatati mal-promozzjoni tal-impjiegi ekoloġiċi;*** |

Or. it

**Emenda 99**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jenfasizza l-ħtieġa għal enfasi akbar fuq it-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet permezz tat-tħeġġiġ tal-iżvilupp fil-ħiliet;*** |

Or. en

**Emenda 100**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9b. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin fit-tħeġġiġ tal-iżvilupp fil-ħiliet permezz tal-aġġornament tal-kwalifiki u l-edukazzjoni u l-kurrikulu ta' taħriġ korrispondenti fil-livell tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 101**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9c. Jistieden lill-Kummissjoni tenfasizza l-użu akbar tas-sistemi ta' klassifikazzjoni bħall-ESCO li jistgħu jintużaw biex jiġu identifikati diskrepanzi fil-ħiliet;*** |

Or. en

**Emenda 102**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9d. Jenfasizza l-importanza ta' sinerġiji aħjar bejn is-sistemi edukattivi u l-impjiegi ekoloġiċi ġodda emerġenti permezz ta' koordinazzjoni aħjar bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-unjins tal-impjegaturi u organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn;*** |

Or. en

**Emenda 103**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jistieden l-Istati Membri u l-gvernijiet reġjonali sabiex ***jinvolvu l-imsieħba*** soċjali u l-fornituri tat-taħriġ, ***sabiex*** jadottaw u jimplimentaw strateġiji għall-iżvilupp tal-ħiliet bl-objettivi li jtejbu l-ħiliet ġeneriċi, settorjali u speċifiċi għall-okkupazzjoni; | 10. Jistieden l-Istati Membri u l-gvernijiet reġjonali sabiex***, flimkien mal-imsieħba*** soċjali u l-fornituri tat-taħriġ, jadottaw u jimplimentaw strateġiji għall-iżvilupp tal-ħiliet bl-objettivi li jtejbu l-ħiliet ġeneriċi, settorjali u speċifiċi għall-okkupazzjoni; |

Or. de

**Emenda 104**
**Ivan Jakovčić**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jistieden l-Istati Membri u l-gvernijiet reġjonali sabiex jinvolvu l-imsieħba soċjali u l-fornituri tat-taħriġ, sabiex jadottaw u jimplimentaw strateġiji għall-iżvilupp tal-ħiliet bl-objettivi li jtejbu l-ħiliet ġeneriċi, settorjali u speċifiċi għall-okkupazzjoni; | 10. Jistieden l-Istati Membri u l-gvernijiet reġjonali ***u l-awtoritajiet lokali*** sabiex jinvolvu l-imsieħba soċjali u l-fornituri tat-taħriġ, sabiex jadottaw u jimplimentaw strateġiji għall-iżvilupp tal-ħiliet bl-objettivi li jtejbu l-ħiliet ġeneriċi, settorjali u speċifiċi għall-okkupazzjoni; |

Or. hr

**Emenda 105**
**Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jistieden l-Istati Membri u l-gvernijiet reġjonali sabiex jinvolvu l-imsieħba soċjali u l-fornituri tat-taħriġ, sabiex jadottaw u jimplimentaw strateġiji ***għall-iżvilupp*** tal-ħiliet bl-objettivi li jtejbu l-ħiliet ġeneriċi, settorjali u speċifiċi għall-okkupazzjoni; | 10. Jistieden l-Istati Membri u l-gvernijiet reġjonali sabiex jinvolvu ***n-negozji, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi,*** l-imsieħba soċjali u l-fornituri tat-taħriġ, sabiex jadottaw u jimplimentaw strateġiji ***għall-antiċipazzjoni u l-iżvilupp*** tal-ħiliet bl-objettivi li jtejbu l-ħiliet ġeneriċi, settorjali u speċifiċi għall-okkupazzjoni; ***jenfasizza ulterjorment l-importanza tas-sħubijiet u l-fiduċja bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, in-negozji, l-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet;*** |

Or. en

**Emenda 106**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jinnota li dawn l-istrateġiji għandhom jinkludu l-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fil-ħiliet u programmi mmirati vokazzjonali u ta' taħriġ tul il-ħajja; jenfasizza l-ħtieġa li fl-istrateġiji jiġu attivament inklużi ***kemm*** il-ħaddiema ***spustati kif ukoll il-ħaddiema bi ftit kwalifiki*** li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol; ***jenfasizza li għandhom jittieħdu passi biex jiġi ttrattat l-iżbilanċ bejn is-sessi f'ċerti setturi;*** | 11. Jinnota li dawn l-istrateġiji għandhom jinkludu ***l-antiċipazzjoni u*** l-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fil-ħiliet u programmi mmirati vokazzjonali u ta' taħriġ tul il-ħajja ***b'attenzjoni ċara fuq it-tqabbil tal-ħiliet u l-impjiegi bl-għan li jiżdiedu l-impjiegi***; jenfasizza l-ħtieġa li fl-istrateġiji jiġu attivament inklużi l-ħaddiema li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol; |

Or. en

**Emenda 107**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jinnota li dawn l-istrateġiji għandhom jinkludu l-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fil-ħiliet u programmi mmirati vokazzjonali u ta' taħriġ tul il-ħajja; jenfasizza l-ħtieġa li fl-istrateġiji jiġu attivament inklużi kemm il-ħaddiema spustati kif ukoll il-ħaddiema bi ftit kwalifiki li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol; ***jenfasizza li għandhom jittieħdu passi biex jiġi ttrattat l-iżbilanċ bejn is-sessi f'ċerti setturi;*** | 11. Jinnota li dawn l-istrateġiji għandhom jinkludu l-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fil-ħiliet u programmi mmirati vokazzjonali u ta' taħriġ tul il-ħajja; jenfasizza l-ħtieġa li fl-istrateġiji jiġu attivament inklużi kemm il-ħaddiema spustati kif ukoll il-ħaddiema bi ftit kwalifiki li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol; |

Or. en

**Emenda 108**
**Emilian Pavel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jinnota li dawn l-istrateġiji għandhom ***jinkludu l-identifikazzjoni*** ta' diskrepanzi fil-ħiliet u programmi mmirati vokazzjonali u ta' taħriġ tul il-ħajja; jenfasizza l-ħtieġa li fl-istrateġiji jiġu attivament inklużi kemm il-ħaddiema spustati kif ukoll il-ħaddiema bi ftit kwalifiki li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol; jenfasizza li għandhom jittieħdu passi biex jiġi ttrattat l-iżbilanċ bejn is-sessi f'ċerti setturi; | 11. Jinnota li dawn l-istrateġiji għandhom ***jiġu akkumpanjati minn valutazzjoni profonda tat-tip u l-livell tal-impjiegi ekoloġiċi li għandhom jinħolqu u l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa, li jwasslu għall-identifikazzjoni*** ta' diskrepanzi fil-ħiliet u programmi mmirati vokazzjonali u ta' taħriġ tul il-ħajja; jenfasizza l-ħtieġa li fl-istrateġiji jiġu attivament inklużi kemm il-ħaddiema spustati kif ukoll il-ħaddiema bi ftit kwalifiki li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol; jenfasizza li għandhom jittieħdu passi biex jiġi ttrattat l-iżbilanċ bejn is-sessi f'ċerti setturi; |

Or. en

**Emenda 109**
**Lynn Boylan, Rina Ronja Kari, Tania González Peñas, Neoklis Sylikiotis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jinnota li dawn l-istrateġiji għandhom jinkludu l-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fil-ħiliet u programmi mmirati vokazzjonali u ta' taħriġ tul il-ħajja; jenfasizza l-ħtieġa li fl-istrateġiji jiġu attivament inklużi kemm il-ħaddiema spustati kif ukoll il-ħaddiema bi ftit kwalifiki li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol; jenfasizza li għandhom jittieħdu passi biex jiġi ttrattat l-iżbilanċ bejn is-sessi f'ċerti setturi; | 11. Jinnota li dawn l-istrateġiji għandhom jinkludu l-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fil-ħiliet u programmi mmirati vokazzjonali u ta' taħriġ tul il-ħajja; jenfasizza l-ħtieġa li fl-istrateġiji jiġu attivament inklużi kemm il-ħaddiema spustati kif ukoll il-ħaddiema bi ftit kwalifiki li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol ***billi jiġi żgurat li t-taħriġ tal-ħiliet ikun immirat, aċċessibbli u mingħajr ħlas għal dawn il-ħaddiema***; jenfasizza li għandhom jittieħdu passi biex jiġi ttrattat l-iżbilanċ bejn is-sessi f'ċerti setturi; |

Or. en

**Emenda 110**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jinnota li ċ-CEDEFOP jipproponi li l-adattament tal-kurrikulu u l-inklużjoni tal-għarfien ambjentali b'fehim tal-iżvilupp sostenibbli u l-effiċjenza fin-negozju huma aħjar mill-proposta ta' programmi ġodda ta' taħriġ;*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. ***Jistieden*** lill-Istati Membri jintegraw ***l-iżvilupp sostenibbli, u l-kompetenzi*** u l-ħiliet ambjentali**,** fis-sistemi ta' taħriġ u edukazzjoni; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM); | 12. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri jintegraw ***il-kompetenzi*** u l-ħiliet ***ekoloġiċi u*** ambjentali fis-sistemi ta' taħriġ u edukazzjoni; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM); |

Or. en

**Emenda 112**
**Ivan Jakovčić**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-iżvilupp sostenibbli, u l-kompetenzi u l-ħiliet ambjentali, fis-sistemi ta' taħriġ u edukazzjoni; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM); | 12. Jistieden lill-Istati Membri ***u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali*** jintegraw l-iżvilupp sostenibbli, u l-kompetenzi u l-ħiliet ambjentali, fis-sistemi ta' taħriġ u edukazzjoni; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM); |

Or. hr

**Emenda 113**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-iżvilupp sostenibbli, u l-kompetenzi u l-ħiliet ambjentali, fis-sistemi ta' taħriġ u | 12. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-iżvilupp sostenibbli, u l-kompetenzi u l-ħiliet ambjentali, fis-sistemi ta' taħriġ u |

| | |
|---|---|
| edukazzjoni; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM); | edukazzjoni; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) ***u l-ħtieġa li jiġi żgurat li aktar nisa jistudjaw is-suġġetti STEM***; |

Or. en

**Emenda 114**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-iżvilupp sostenibbli, u l-kompetenzi u l-ħiliet ambjentali, fis-sistemi ta' taħriġ u edukazzjoni; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM); | 12. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-iżvilupp sostenibbli, u l-kompetenzi u l-ħiliet ambjentali, fis-sistemi ta' taħriġ u edukazzjoni***, jinkoraġixxu ċ-ċentri ta' riċerka biex jiżviluppaw teknoloġiji u proġetti, privattivi għal produzzjonijiet ekoloġiċi b'kollaborazzjoni ma' kumpaniji ekoloġiċi ġodda; f'dan ir-rigward huwa xieraq li jiġi promoss l-iskambju tal-għarfien bejn iċ-ċentri ta' riċerka u netwerks ta' kumpaniji u professjonisti***; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM); |

Or. it

**Emenda 115**
**Martina Dlabajová, Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-iżvilupp sostenibbli, u l-kompetenzi u l-ħiliet ambjentali, fis-sistemi ta' taħriġ u | 12. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-iżvilupp sostenibbli, u l-kompetenzi u l-ħiliet ambjentali, fis-sistemi ta' taħriġ u |

| | |
|---|---|
| edukazzjoni; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM); | edukazzjoni***, u b'mod partikolari jsaħħu aktar is-sistemi VET***; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM); |

Or. en

**Emenda 116**
**Glenis Willmott, Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-iżvilupp ta' dan is-settur, sabiex joħolqu apprendistati bi kwalifiki għoljin li jipprovdu liż-żgħażagħ b'għarfien u taħriġ speċjalizzat, u biex jgħinu sabiex jiġu ttrattati l-livelli għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ;*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw, meta jkunu qed iwettqu t-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ekoloġika, il-ħtiġijiet tan-nisa u t-tfajliet għal opportunitajiet aħjar ta' tagħlim tul il-ħajja, b'mod speċjali f'oqsma li għandhom il-potenzjal li jipprovdu għadd sinifikanti ta' impjiegi ekoloġiċi ġodda, bħax-xjenza, ir-riċerka, l-inġinerija, it-teknoloġija diġitali u t-teknoloġiji l-ġodda.*** |

| | |
|---|---|
| | ***Huma għandhom jagħmlu dan bl-għan li jsaħħu l-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà, billi jneħħu l-istereotipi tas-sessi u jipprovdu impjiegi li jikkorrispondu bis-sħiħ għall-ħtiġijiet u l-ħiliet partikolari tan-nisa;*** |

Or. cs

**Emenda 118**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***13. Jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni mmirata mill-awtoritajiet pubbliċi u servizzi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Istati Membri l-oħrajn biex iħarrġu l-persunal fl-awtoritajiet u s-servizzi tal-impjiegi biex jiġu integrati l-ħiliet għall-impjiegi ekoloġiċi fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 119**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza ***l-ħtieġa għal*** azzjoni mmirata mill-awtoritajiet ***pubbliċi*** u ***servizzi*** biex jitnaqqsu ***d-***diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Istati Membri l-oħrajn biex iħarrġu l-persunal fl-awtoritajiet u s-servizzi tal-impjiegi biex jiġu integrati l-ħiliet għall-impjiegi ekoloġiċi fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol; | 13. Jenfasizza ***li għandha tittieħed*** azzjoni mmirata mill-awtoritajiet u ***s-servizzi pubbliċi*** biex jitnaqqsu diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Istati Membri l-oħrajn biex iħarrġu l-persunal fl-awtoritajiet u s-servizzi tal-impjiegi biex ***jintegraw il-ħiliet*** għall-impjiegi ekoloġiċi fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol; |

Or. de

**Emenda 120**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni mmirata mill-awtoritajiet pubbliċi u servizzi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Istati Membri l-oħrajn biex iħarrġu l-persunal fl-awtoritajiet u s-servizzi tal-impjiegi biex jiġu integrati l-ħiliet għall-impjiegi ekoloġiċi fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol; | 13. Jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni mmirata mill-awtoritajiet pubbliċi u servizzi ***li jinvolvu lill-partijiet interessati kollha fis-suq tax-xogħol, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u l-impjegati,*** biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Istati Membri l-oħrajn ***biex ikollhom fis-seħħ mekkaniżmi*** biex iħarrġu l-persunal fl-awtoritajiet u s-servizzi tal-impjiegi biex jiġu integrati l-ħiliet għall-impjiegi ekoloġiċi fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol; ***jenfasizza l-importanza li l-istituzzjonijiet edukattivi Ewropej jagħmlu aktar sforz fl-adozzjoni tal-programmi tagħhom sabiex jilħqu l-ħtiġijiet tal-ekonomija iżjed ekoloġika u tas-suq tax-xogħol b'mod ġenerali;*** |

Or. en

**Emenda 121**
**Ivan Jakovčić**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni mmirata mill-awtoritajiet pubbliċi u servizzi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Istati Membri ***l-oħrajn*** biex iħarrġu l-persunal fl-awtoritajiet u s-servizzi tal-impjiegi biex jiġu integrati l- | 13. Jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni mmirata mill-awtoritajiet pubbliċi u servizzi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Istati Membri ***u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali*** biex iħarrġu l-persunal fl-awtoritajiet u s-servizzi tal- |

| | |
|---|---|
| ħiliet għall-impjiegi ekoloġiċi fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol; | impjiegi biex jiġu integrati l-ħiliet għall-impjiegi ekoloġiċi fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol; |

Or. hr

**Emenda 122**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni mmirata mill-awtoritajiet pubbliċi u servizzi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Istati Membri l-oħrajn biex iħarrġu l-persunal fl-awtoritajiet u s-servizzi tal-impjiegi biex jiġu integrati l-ħiliet għall-impjiegi ekoloġiċi fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol; | 13. Jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni mmirata mill-awtoritajiet pubbliċi u servizzi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Istati Membri l-oħrajn biex iħarrġu l-persunal fl-awtoritajiet u s-servizzi tal-impjiegi biex jiġu integrati l-ħiliet għall-impjiegi ekoloġiċi fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol ***u biex jiġu żviluppati l-mezzi ta' valutazzjoni tal-impatt ta' dan it-taħriġ***; |

Or. en

**Emenda 123**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jistieden lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ ambjent regolatorju li jħeġġeġ l-innovazzjoni fl-ekonomija ekoloġika;*** |

Or. en

**Emenda 124**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jadottaw*** oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ***ambizzjużi*** u integrati ***li jiggarantixxu*** l-investiment sostenibbli u ***jħeġġu l-innovazzjoni, sabiex b'hekk*** jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ***ta' dawn it-tibdiliet***; ***jenfasizza li l-politiki għandhom jiġu żviluppati f'qafas ta' orizzonti fit-tul li jinkludi objettivi vinkolanti fejn meħtieġ kif ukoll indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom;*** | 14. ***Jirrakkomanda*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jinvestigaw jekk*** oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ***fuq terminu twil*** u integrati ***jippromwovux*** l-investiment sostenibbli u ***jekk permezz ta' dawn jistax*** jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ***tal-bidla***; |

Or. de

**Emenda 125**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ambizzjużi u integrati li jiggarantixxu l-investiment sostenibbli u jħeġġu l-innovazzjoni, sabiex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' dawn it-tibdiliet; jenfasizza li ***l-politiki għandhom jiġu żviluppati f'qafas ta' orizzonti*** fit-tul ***li*** jinkludi ***objettivi vinkolanti fejn meħtieġ kif ukoll*** indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom; | 14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ambizzjużi u integrati li jiggarantixxu l-investiment sostenibbli u jħeġġu l-innovazzjoni, sabiex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' dawn it-tibdiliet; jenfasizza li ***l-qafas ta' politiki huwa mfassal*** fit-tul ***u jista'*** jinkludi indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom; |

Or. de

**Emenda 126**
**Krzysztof Hetman**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ambizzjużi u integrati li jiggarantixxu l-investiment sostenibbli u jħeġġu l-innovazzjoni, sabiex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' dawn it-tibdiliet; jenfasizza li l-politiki għandhom jiġu żviluppati f'qafas ta' orizzonti fit-tul ***li jinkludi objettivi vinkolanti fejn meħtieġ*** kif ukoll indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom; | 14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ambizzjużi u integrati li jiggarantixxu l-investiment sostenibbli u jħeġġu l-innovazzjoni, sabiex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' dawn it-tibdiliet; jenfasizza li l-politiki għandhom jiġu żviluppati f'qafas ta' orizzonti fit-tul kif ukoll indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom; |

Or. en

**Emenda 127**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ambizzjużi u integrati li jiggarantixxu l-investiment sostenibbli u jħeġġu l-innovazzjoni, sabiex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' dawn it-tibdiliet; jenfasizza li l-politiki għandhom jiġu żviluppati f'qafas ta' orizzonti fit-tul ***li jinkludi objettivi vinkolanti fejn meħtieġ*** kif ukoll indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom; | 14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ambizzjużi u integrati li jiggarantixxu l-investiment sostenibbli u jħeġġu l-innovazzjoni, sabiex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' dawn it-tibdiliet; jenfasizza li l-politiki għandhom jiġu żviluppati f'qafas ta' orizzonti fit-tul kif ukoll indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom; |

Or. en

**Emenda 128**
**Ulla Tørnæs, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ambizzjużi u integrati ***li jiggarantixxu l-investiment*** sostenibbli u jħeġġu l-innovazzjoni, sabiex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' dawn it-tibdiliet; jenfasizza li l-politiki għandhom jiġu żviluppati f'qafas ta' orizzonti fit-tul li jinkludi objettivi ***vinkolanti fejn meħtieġ*** kif ukoll indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom; | 14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ambizzjużi u integrati ***għall-investiment*** sostenibbli u jħeġġu l-innovazzjoni, sabiex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' dawn it-tibdiliet; jenfasizza li l-politiki għandhom jiġu żviluppati f'qafas ta' orizzonti fit-tul li jinkludi objettivi kif ukoll indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom; |

Or. en

**Emenda 129**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ambizzjużi u integrati li jiggarantixxu l-investiment sostenibbli u jħeġġu l-innovazzjoni, sabiex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' dawn it-tibdiliet; jenfasizza li l-politiki għandhom jiġu żviluppati f'qafas ta' orizzonti fit-tul li jinkludi objettivi vinkolanti fejn meħtieġ kif ukoll indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom; | 14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw oqfsa regolatorji, fiskali u finanzjarji ambizzjużi u integrati li jiggarantixxu l-investiment sostenibbli u jħeġġu l-innovazzjoni, ***inkluż il-bidla lejn taxxi u tariffi ambjentali bħala strumenti biex tiġi promossa r-responsabbiltà ambjentali kondiviża,*** sabiex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' dawn it-tibdiliet; jenfasizza li l-politiki għandhom jiġu żviluppati f'qafas ta' orizzonti fit-tul li jinkludi objettivi vinkolanti fejn meħtieġ kif ukoll indikaturi li jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tagħhom; ***jissuġġerixxi li l-Istati Membri li jkollhom*** |

***taxxi ambjentali jistgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom b'mod aktar wiesa';***

Or. en

**Emenda 130**
**Jean Lambert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14. Jenfasizza li l-koordinazzjoni fil-Kummissjoni u fost il-Ministeri rilevanti fil-livell nazzjonali hija importanti biex jinħoloq qafas għall-bidla komprensiv u bbażat fuq gvern sħiħ, li jkun kapaċi jiddedika l-attenzjoni meħtieġa għall-effetti distributtivi tat-tranżizzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Lynn Boylan, Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jinnota li s-suċċess jew il-falliment tal-Inizjattiva għall-Impjiegi Ekoloġiċi huwa dipendenti fuq il-livell ta' ambizzjoni tal-objettivi vinkolanti tal-Kummissjoni għall-enerġija rinovabbli u l-effiċjenza enerġetika, u fuq l-investiment fit-teknoloġiji tal-enerġija rinovabbli u l-programmi ta' effiċjenza enerġetika li huma impenjati fihom l-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jitlob lill-Istati Membri jneħħu s-sussidji diretti u indiretti għall-produzzjoni, il-ħżin, u d-distribuzzjoni ta' karburanti fossili;*** |

Or. it

**Emenda 133**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza ***l-ħtieġa għal*** politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi lokali; | 15. Jenfasizza ***li l-Istati Membri għandhom il-kompetenza biex jadottaw*** politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi lokali; |

Or. de

**Emenda 134**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza | 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza |

| | |
|---|---|
| enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp ***lokali*** u l-ħolqien ta' impjiegi ***lokali***; | enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp u l-ħolqien ta' impjiegi; |

Or. en

**Emenda 135**
**Ivan Jakovčić**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi ***lokali***; | 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali ***u reġjonali*** u l-ħolqien ta' impjiegi ***ġodda***; |

Or. hr

**Emenda 136**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi lokali***;*** | 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi lokali***. Jilqa', f'dan ir-rigward, l-inklużjoni mill-Kummissjoni tal-impjiegi diċenti fil-mandat ta' negozjar tal-UE għat-taħditiet tal-COP 21 ta' Pariġi, li jibnu fuq il-ftehim CANCUN tal-2010 u l-inizjattivi sussegwenti;*** |

Or. en

**Emenda 137**
**Jérôme Lavrilleux**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi lokali; | 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi lokali; ***ifakkar li l-awtonomija enerġetika tat-territorji tibqa' wieħed mill-objettivi, maż-żmien, tal-politiki tal-ekonomija u l-enerġija tal-Unjoni; jinsisti barra minn hekk fuq il-fatt li d-dimensjoni territorjali tal-investimenti għandha assolutament tiġi kkunsidrata għax din tikkontribwixxi għat-twettiq tal-objettivi tal-politiki tal-Unjoni fir-rigward tal-koeżjoni tat-territorji u tal-artikulazzjoni tal-aspett rurali u dak urban;*** |

Or. fr

**Emenda 138**
**Csaba Molnár**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi lokali; | 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi lokali; ***jenfasizza li l-investiment fl-enerġija rinnovabbli u fl-użu effiċjenti tal-enerġija se jsir is-sors ewlieni ta' ħolqien ta' impjiegi fl-Ewropa fis-snin li ġejjin;*** |

Or. hu

**Emenda 139**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi lokali; | 15. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki konsistenti li jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bl-għan li jiskattaw l-iżvilupp lokali u l-ħolqien ta' impjiegi lokali ***tajbin***; |

Or. de

**Emenda 140**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jappoġġja l-impenji tal-UE, li f'kollaborazzjoni ma' msieħba internazzjonali oħrajn, tippromwovi tranżizzjoni globali ġusta lejn ekonomija ekoloġika inklużiva;*** |

Or. en

**Emenda 141**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku***, u biex jintroduċu b'mod proattiv il-kriterji ambjentali u soċjali fil-politiki tagħhom dwar l-akkwist pubbliku sabiex jinħolqu impjiegi sostenibbli;*** | 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku**.** |

Or. de

**Emenda 142**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku***, u biex jintroduċu b'mod proattiv il-kriterji ambjentali u soċjali fil-politiki tagħhom dwar l-akkwist pubbliku sabiex jinħolqu impjiegi sostenibbli***; | 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku; |

Or. en

**Emenda 143**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni | Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE |

| | |
|---|---|
| riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, u biex ***jintroduċu b'mod proattiv il-kriterji*** ambjentali u soċjali fil-politiki tagħhom dwar l-akkwist pubbliku ***sabiex*** jinħolqu impjiegi sostenibbli; | dwar l-akkwist pubbliku, u biex ***jeżaminaw jekk permezz tal-kriterji*** ambjentali u soċjali fil-politiki tagħhom dwar l-akkwist pubbliku ***jistgħux*** jinħolqu impjiegi sostenibbli; |

Or. de

**Emenda 144**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, u biex jintroduċu b'mod proattiv il-kriterji ambjentali ***u soċjali*** fil-politiki tagħhom dwar l-akkwist pubbliku sabiex ***jinħolqu impjiegi sostenibbli***; | 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, u biex jintroduċu b'mod proattiv il-kriterji ambjentali fil-politiki tagħhom dwar l-akkwist pubbliku sabiex ***jissaħħaħ il-ħolqien tal-impjiegi fl-ekonomija iżjed ekoloġika***; |

Or. en

**Emenda 145**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, u biex jintroduċu b'mod proattiv il-kriterji ambjentali u soċjali fil-politiki tagħhom dwar l-akkwist pubbliku sabiex jinħolqu | 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, u biex jintroduċu b'mod proattiv il-kriterji ambjentali u soċjali fil-politiki tagħhom dwar l-akkwist pubbliku ***li jeħtieġu li jiġu*** |

| | |
|---|---|
| *impjiegi sostenibbli*; | ***ċċarati l-inċertezzi legali li baqa' relatati mal-użu tal-klawżoli soċjali u ambjentali fl-akkwist pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jsaħħu l-bini tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali fl-użu ta' dawn il-klawżoli*** sabiex jinħolqu ***l-valur miżjud u t-titjib ambjentali;*** |

en

**Emenda 146**
**Lynn Boylan, Rina Ronja Kari, Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, u biex jintroduċu b'mod proattiv il-kriterji ambjentali u soċjali fil-politiki tagħhom dwar l-akkwist pubbliku sabiex jinħolqu impjiegi sostenibbli; | 16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, u biex jintroduċu b'mod proattiv ***u mingħajr dewmien*** il-kriterji ambjentali u soċjali fil-politiki tagħhom dwar l-akkwist pubbliku sabiex jinħolqu impjiegi sostenibbli; |

Or. en

**Emenda 147**
**Monika Vana**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jissuġġerixxi li jiddaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' diskriminazzjoni pożittiva mill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali li għandhom setgħat fiskali, għall-benefiċċju tal-kumpaniji li jimplimentaw prinċipji u kunċetti tal-ekonomija ekoloġika, fil-kuntest tar-*** |

***Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, inklużi tariffi u imposti aktar baxxi, akkwist pubbliku u tnaqqis fiskali;***

Or. en

**Emenda 148**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. jistieden lill-Kummissjoni tgħin fil-qawmien mill-ġdid tas-settur tat-tiswijiet, li jista' jwassal għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda li, skont in-natura tagħhom stess, ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;*** |

Or. cs

**Emenda 149**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw il-kontribuzzjoni tas-servizzi pubbliċi għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija sostenibbli, notevolment billi jiżguraw, b'mod proattiv, li s-servizzi bħall-komunikazzjoni, l-enerġija, it-trasport, l-iskart u l-immaniġġjar tal-ilma jitwasslu b'mod sostenibbli;*** |

Or. en

**Emenda 150**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenn tagħha li tippromwovi leġiżlazzjoni aktar ambizzjuża dwar l-iskart ***u li mingħajr dewmien tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal ta' ħolqien tal-impjiegi sinifikanti tal-ekonomija ċirkolari***; | 17. ***Jikkundanna bil-qawwa l-irtirar tal-pakkett leġiżlattiv dwar l-ekonomija ċirkolari, li d-dispożizzjonijiet tiegħu kienu se jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' 180 000 impjieg fis-settur tal-immaniġġjar tal-iskart biss; għalhekk*** jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenn tagħha li tippromwovi ***mingħajr dewmien*** leġiżlazzjoni aktar ambizzjuża dwar l-iskart ***li għandha, tal-inqas, toħloq numru simili ta' impjiegi, u li għandha tkun imsejsa minn valutazzjoni tal-impatt ġdida tal-Kummissjoni***; |

Or. en

**Emenda 151**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenn tagħha li tippromwovi ***leġiżlazzjoni aktar ambizzjuża*** dwar l-iskart ***u li*** mingħajr dewmien tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal ta' ħolqien tal-impjiegi sinifikanti tal-ekonomija ċirkolari; | 17. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenn tagħha li tippromwovi***, malajr kemm jista' jkun, reviżjoni tal-leġiżlazzjoni*** dwar l-iskart ***immirata lejn it-tnaqqis tal-iskart, id-disinn tal-merkanzija għall-finijiet ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ, id-definizzjoni ta' miri ġodda għar-riċiklaġġ u d-definizzjoni mill-ġdid tal-kriterji għall-kalkolu tal-materjal li jiġi attwalment riċiklat; leġiżlazzjoni dwar l-iskart bħal din għandha,*** mingħajr dewmien***,*** tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal ta' ħolqien tal-impjiegi sinifikanti tal-ekonomija ċirkolari; ***jistieden ukoll lill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Kummissjoni tivvaluta l-introduzzjoni ta' kriterji intiżi biex jinċentivaw lin-negozji li jkollhom ċiklu ta' rimi ta' skart virtwuż u sostenibbli għall-ambjent;*** |

Or. it

**Emenda 152**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenn tagħha li tippromwovi leġiżlazzjoni aktar ambizzjuża dwar l-iskart u li mingħajr dewmien tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal ta' ħolqien tal-impjiegi sinifikanti tal-ekonomija ċirkolari; | 17. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenn tagħha li tippromwovi leġiżlazzjoni aktar ambizzjuża dwar l-iskart u li mingħajr dewmien tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal ta' ħolqien tal-impjiegi sinifikanti tal-ekonomija ċirkolari ***u li tirrispetta strettament il-kompetenzi tal-Istati Membri***; |

Or. de

**Emenda 153**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar, ***inklużi l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji*** | 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar, |

***kontroproduttivi sal-2020;***

Or. en

**Emenda 154**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar***, inklużi l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji kontroproduttivi sal-2020;*** | 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar**.** |

Or. de

**Emenda 155**
**Krzysztof Hetman**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar***, inklużi l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji*** | 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar; |

***kontroproduttivi sal-2020***;

Or. en

**Emenda 156**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar***, inklużi l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji kontroproduttivi sal-2020***; | 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar; |

Or. en

**Emenda 157**
**Lynn Boylan, Tania González Peñas, Neoklis Sylikiotis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar, ***inklużi l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent u*** l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji | 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar, ***inkluża*** l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji kontroproduttivi sal-2020; |

kontroproduttivi sal-2020;

en

**Emenda 158**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar, ***inklużi l-bidla*** mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent ***u*** l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji ***kontroproduttivi*** sal-2020; | 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li ***jistgħu*** jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar, ***jitlob għal studji dettaljati u indipendenti dwar l-ispejjeż u l-użu tat-trasferiment tat-taxxa (pereżempju*** mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent***) kif ukoll*** l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji sal-2020; |

Or. de

**Emenda 159**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi | 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ***sostenibbli, tajbin u*** ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u |

| | |
|---|---|
| iżgħar, inklużi l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji kontroproduttivi sal-2020; | impronti ekoloġiċi iżgħar, inklużi l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji kontroproduttivi sal-2020; |

Or. de

**Emenda 160**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistieden lill-Kummissjoni tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar, inklużi l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji kontroproduttivi sal-2020; | 18. Jistieden lill-Kummissjoni ***tagħmel mill-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomiji tal-UE waħda mill-prijoritajiet tal-Istħarriġ dwar it-Tkabbir Annwali 2016 u*** tuża s-Semestru tal-UE u l-eżami tal-istrateġija Ewropa 2020 ***kif ukoll ir-reviżjoni ta' sett ġdid ta' linji gwida integrati*** biex tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi u impronti ekoloġiċi iżgħar, inklużi l-bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni fuq l-ambjent u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji kontroproduttivi sal-2020; |

Or. en

**Emenda 161**
**Lynn Boylan, Tania González Peñas, Neoklis Sylikiotis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jinnota li t-taxxi ambjentali fil-forma ta' taxxi fuq il-konsum spiss ikunu ta' natura rigressiva u jkollhom impatt sproporzjonat fuq il-gruppi bi dħul baxx li għandhom ikunu eżenti mit-taxxi ambjentali bbażati fuq il-konsum; jitlob li kwalunkwe tassazzjoni ambjentali ġdida tkun immirata lejn dawk li jniġġsu l-aktar; jinnota li jekk tkun ta' suċċess, it-tassazzjoni ambjentali tirriżulta fit-tnaqqis tat-tniġġis u għalhekk fi tnaqqis tad-dħul fiskali fuq perjodu ta' żmien medju u twil, u għalhekk għandu jittieħed kont ta' dan;*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri juru aktar solidarjetà u konformità fil-politiki tagħhom u biex jieħdu aktar impenji politiċi sostanzjali fl-ogħla livell f'oqsma relatati, bħat-taxxi fuq il-kapital u l-qligħ korporattiv, it-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa;*** |

Or. cs

**Emenda 163**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha għall-istrateġija Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; ***jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi impjiegi ta' kwalità u l-effiċjenza tar-riżorsi bħala objettivi ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi objettivi soċjali u ambjentali aktar ambizzjużi għall-2030 u l-2050;*** | 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha għall-istrateġija Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; |

Or. en

**Emenda 164**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha għall-istrateġija Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; jistieden lill-Kummissjoni ***tintroduċi impjiegi ta' kwalità u l-effiċjenza tar-riżorsi bħala objettivi ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni*** tipproponi objettivi soċjali u ambjentali aktar ambizzjużi għall-2030 u l-2050; | 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha għall-istrateġija Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi objettivi soċjali u ambjentali aktar ambizzjużi għall-2030 u l-2050; |

Or. en

**Emenda 165**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha għall-istrateġija Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi impjiegi ***ta' kwalità*** u l-effiċjenza tar-riżorsi bħala objettivi ***ewlenin***; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi objettivi soċjali u ambjentali aktar ambizzjużi għall-2030 u l-2050; | 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha għall-istrateġija Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi impjiegi ***ekoloġiċi*** u l-effiċjenza tar-riżorsi bħala objettivi; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi objettivi soċjali u ambjentali aktar ambizzjużi għall-2030 u l-2050; |

Or. en

**Emenda 166**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha għall-istrateġija Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi impjiegi ta' kwalità u l-effiċjenza tar-riżorsi bħala objettivi ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi objettivi soċjali u ambjentali aktar ambizzjużi għall-2030 u l-2050; | 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha għall-istrateġija Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ***u sa mhux aktar tard mill-2015*** ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi impjiegi ta' kwalità u l-effiċjenza tar-riżorsi bħala objettivi ewlenin ***u bħala miri fir-reviżjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u tas-Semestru Ewropew fil-qafas tat-tabella ta' valutazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi***; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi objettivi soċjali u ambjentali aktar ambizzjużi għall-2030 u l-2050; ***Jenfasizza li monitoraġġ preċiż, b'bażi metodoloġika u kondiviż tal-impjiegi ekoloġiċi jista' wkoll jgħin lill-Istati Membri fil-valutazzjoni tal-effettività tal-politiki ambjentali u tax-xogħol tagħhom, u jsaħħaħ l-għodod żviluppati fil-livell Ewropew fl-intraċċar*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-progress u l-monitoraġġ tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi skont l-Ewropa 2020.*** |

Or. en

**Emenda 167**
**Lynn Boylan, Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha ***għall-istrateġija*** Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi impjiegi ta' kwalità u l-effiċjenza tar-riżorsi bħala objettivi ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi objettivi soċjali u ambjentali aktar ambizzjużi għall-2030 u l-2050; | 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha ***għall-objettivi*** Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha ***tal-istrateġija Ewropa 2020***; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi impjiegi ta' kwalità u l-effiċjenza tar-riżorsi bħala objettivi ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi objettivi soċjali u ambjentali aktar ambizzjużi għall-2030 u l-2050 ***inkluża ż-żieda tal-objettiv tagħha għall-enerġija rinovabbli fl-2030 għal tal-inqas 40 %***; |

Or. en

**Emenda 168**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha għall-istrateġija Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi impjiegi ta' kwalità u l-effiċjenza tar- | 19. Jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-impenn tagħha għall-istrateġija Ewropa 2020 u toħroġ mingħajr dewmien ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi impjiegi ta' kwalità u l-effiċjenza tar- |

| | |
|---|---|
| riżorsi bħala objettivi ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi objettivi soċjali u ambjentali ***aktar*** ambizzjużi għall-2030 u l-2050; | riżorsi bħala objettivi ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi objettivi soċjali u ambjentali ambizzjużi għall-2030 u l-2050; |

Or. de

**Emenda 169**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-innovazzjoni bħala l-pedament tal-industrija Ewropea u tiżviluppa strateġiji attivi biex jiġi żgurat li t-tranżizzjonijiet soċjali jiġu ġestiti b'mod tajjeb u l-benefiċċji jiġu mferrxa mal-Ewropa kollha; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġjaw l-emerġenza ta' katini ta' provvista u netwerks tal-industrija ġodda fl-effiċjenza tar-riżorsi, il-prodotti u s-servizzi permezz ta' politika industrijali sostenibbli u inċentivi għat-trasformazzjoni tas-suq;*** |

Or. en

**Emenda 170**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi internazzjonali biex joħolqu politika ambjentali globali li tista' tillimita l-ħsara kkawżata mill-industrija*** |

*lil hinn mill-UE u r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;*

Or. cs

**Emenda 171**
**Emilian Pavel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Iħeġġeġ lill-Unjoni u l-Istati Membri jrawmu l-kondiviżjoni tal-ideat, l-għarfien, l-esperjenza u l-aħjar prattiki fost il-pajjiżi, sabiex jiżguraw tranżizzjoni bla xkiel lejn ekonomija ekoloġika u l-impjiegi li tista' toħloq;*** |

en

**Emenda 172**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19b. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi applikata l-aħjar taħlita ta' fornitura u interventi bbażati fuq id-domanda, li tirriżulta billi l-ħolqien tal-impjiegi jiġi kkombinat ma' politiki tas-suq tax-xogħol attivi li jaqblu, li jkunu speċifiċi għall-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol lokali differenti;*** |
| | *(Għandu jkun l-ewwel paragrafu wara s-subtitolu "Investiment fil-ħolqien tal-impjiegi sostenibbli")* |

Or. en

**Emenda 173**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. ***Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-investimenti ta' kwalità mmirati lejn il-ġenerazzjoni ta' benefiċċji għas-soċjetà***; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiffukaw l-investiment f'żoni b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol bl-għan li jinħolqu ***impjiegi diċenti*** u jiġi miġġieled il-qgħad; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiffukaw l-investiment f'żoni b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol bl-għan li jinħolqu ***l-impjiegi*** u jiġi miġġieled il-qgħad; |

Or. en

**Emenda 174**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-investimenti ta' kwalità mmirati lejn il-ġenerazzjoni ta' benefiċċji għas-soċjetà; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri ***jiffukaw*** l-investiment ***f'żoni*** b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol bl-għan li jinħolqu impjiegi ***diċenti*** u jiġi miġġieled il-qgħad; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu ***biss*** l-investimenti ta' kwalità mmirati lejn il-ġenerazzjoni ta' benefiċċji għas-soċjetà; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri ***jippromwovu biss*** l-investiment ***f'oqsma*** b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol bl-għan li jinħolqu impjiegi ***għal żmien indeterminat, soġġetti għal ftehimiet kollettivi u assigurati b'mod sħiħ*** u jiġi miġġieled il-qgħad; |

Or. de

**Emenda 175**
**Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-investimenti ***ta' kwalità*** mmirati lejn il-ġenerazzjoni ta' benefiċċji għas-soċjetà; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiffukaw l-investiment f'żoni b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol bl-għan li jinħolqu ***impjiegi diċenti*** u jiġi miġġieled il-qgħad; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-investimenti mmirati lejn il-ġenerazzjoni ta' benefiċċji ***ekonomiċi u*** għas-soċjetà; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiffukaw l-investiment f'żoni b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol bl-għan li jinħolqu ***l-impjiegi*** u jiġi miġġieled il-qgħad; |

Or. en

**Emenda 176**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-investimenti ta' kwalità mmirati lejn il-ġenerazzjoni ta' benefiċċji għas-soċjetà; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiffukaw l-investiment f'żoni b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol bl-għan li jinħolqu impjiegi diċenti u jiġi miġġieled il-qgħad; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu***, fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi,*** l-investimenti ta' kwalità mmirati lejn il-ġenerazzjoni ta' benefiċċji għas-soċjetà ***bħall-impjiegi ta' kwalità sostenibbli, l-edukazzjoni ta' kwalità u l-innovazzjoni biex tiġi promossa t-tranżizzjoni ekoloġika u jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku***; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiffukaw l-investiment f'żoni b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol bl-għan li jinħolqu impjiegi diċenti u jiġi miġġieled il-qgħad; ***jenfasizza li l-finanzi tal-proġetti għandhom jikkontribwixxu għall-istrateġija UE-2020 b'mod li jista' jitkejjel.*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Ole Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-investimenti ta' kwalità mmirati lejn il-ġenerazzjoni ta' benefiċċji għas-soċjetà; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiffukaw l-investiment f'żoni b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol bl-għan li jinħolqu impjiegi diċenti u jiġi miġġieled il-qgħad; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-investimenti ta' kwalità mmirati lejn il-ġenerazzjoni ta' benefiċċji għas-soċjetà; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiffukaw l-investiment f'żoni b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol bl-għan li jinħolqu impjiegi diċenti u jiġi miġġieled il-qgħad; ***jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-ħolqien tal-impjiegi fis-setturi ekoloġiċi baqa' pożittiv matul ir-reċessjoni;*** |

Or. en

**Emenda 178**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jenfasizza l-fatt li l-investiment fl-effiċjenza enerġetika jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi lokali u l-iżvilupp ekonomiku lokali***, u li l-iżgurar tal-effiċjenza enerġetika fil-bini huwa l-iktar mod kosteffettiv biex jingħataw*** soluzzjonijiet ***għall-faqar enerġetiku***; | 21. Jenfasizza l-fatt li l-investiment fl-effiċjenza enerġetika ***jista'*** jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi lokali u l-iżvilupp ekonomiku lokali u ***jnaqqas il-faqar enerġetiku, iżda jenfasizza li l-iżolazzjoni tal-bini attwalment qed twassal għal problemi ta' sigurtà kbar fir-rigward tal-protezzjoni kontra n-nar; jitlob li l-opinjoni tal-esperti indipendenti tkun meħtieġa għal*** soluzzjonijiet ***għall-effiċjenza enerġetika fil-bini***; |

Or. en

**Emenda 179**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jenfasizza ***l-fatt*** li l-investiment fl-effiċjenza enerġetika jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi lokali u l-iżvilupp ekonomiku lokali, u ***li*** l-iżgurar tal-effiċjenza enerġetika fil-bini ***huwa*** l-iktar mod kosteffettiv ***biex jingħataw*** soluzzjonijiet għall-faqar enerġetiku; | 21. Jenfasizza li ***għandu jiġi eżaminat sa liema punt*** l-investiment fl-effiċjenza enerġetika jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi lokali u l-iżvilupp ekonomiku lokali, u ***jekk*** l-iżgurar tal-effiċjenza enerġetika fil-bini ***huwiex*** l-iktar mod kosteffettiv ***fir-rigward ta'*** soluzzjonijiet ***fit-tul*** għall-faqar enerġetiku; |

Or. de

**Emenda 180**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jenfasizza l-fatt li l-investiment fl-effiċjenza enerġetika jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi lokali u l-iżvilupp ekonomiku lokali, u li l-iżgurar tal-effiċjenza enerġetika fil-bini huwa ***l-iktar mod kosteffettiv biex jingħataw soluzzjonijiet għall-faqar enerġetiku***; | 21. Jenfasizza l-fatt li l-investiment fl-effiċjenza enerġetika jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi lokali u l-iżvilupp ekonomiku lokali, u li l-iżgurar tal-effiċjenza enerġetika fil-bini huwa ***element importanti fl-iżgurar ta' użu aktar effiċjenti tal-enerġija Ewropea***; |

Or. en

**Emenda 181**
**Csaba Molnár**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jenfasizza l-fatt li l-investiment fl-effiċjenza enerġetika jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi lokali u l-iżvilupp ekonomiku lokali, u li l-iżgurar tal-effiċjenza enerġetika fil-bini huwa l-iktar mod kosteffettiv biex jingħataw soluzzjonijiet għall-faqar enerġetiku; | 21. Jenfasizza l-fatt li l-investiment fl-effiċjenza enerġetika jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi lokali u l-iżvilupp ekonomiku lokali, u li l-iżgurar tal-effiċjenza enerġetika fil-bini huwa l-iktar mod kosteffettiv biex jingħataw soluzzjonijiet għall-faqar enerġetiku***, li jaffettwa madwar 125 miljun persuna fl-Ewropa***; |

Or. hu

**Emenda 182**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. ***Jirrakkomanda*** li l-objettivi tal-klima, l-enerġija rinovabbli u l-effiċjenza enerġetika ***għandhom jiġu meqjusa bħala*** objettivi tal-investiment; | 22. ***Jikkunsidra*** li l-objettivi tal-klima, l-enerġija rinovabbli u l-effiċjenza enerġetika ***jistgħu jkunu*** objettivi tal-investiment; |

Or. en

**Emenda 183**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jirrakkomanda li l-objettivi tal-klima, l-enerġija ***rinovabbli*** u l-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu meqjusa bħala ***objettivi tal-investiment***; | 22. Jirrakkomanda li l-objettivi tal-klima, l-enerġija ***rinnovabbli*** u l-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu meqjusa bħala ***l-prinċipji politiċi importanti li jiggwidaw l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***azzjoni***; |

Or. de

**Emenda 184**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jirrakkomanda li l-objettivi tal-klima, l-enerġija ***rinovabbli*** u l-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu meqjusa bħala objettivi tal-investiment; | 22. Jirrakkomanda li l-objettivi ***mhux vinkolanti*** tal-klima, l-enerġija ***rinnovabbli*** u l-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu meqjusa bħala objettivi tal-investiment; |

Or. de

**Emenda 185**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jirrakkomanda li l-objettivi tal-klima, l-enerġija ***rinovabbli*** u l-effiċjenza enerġetika ***għandhom*** jiġu meqjusa bħala objettivi tal-investiment; | 22. Jirrakkomanda ***li jiġi eżaminat b'mod intensiv u indipendenti jekk huwiex utli*** li l-objettivi tal-klima, l-enerġija ***rinnovabbli*** u l-effiċjenza enerġetika jiġu meqjusa bħala objettivi tal-investiment; |

Or. de

**Emenda 186**
**Csaba Molnár**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jirrakkomanda li l-objettivi tal-klima, l-enerġija ***rinovabbli*** u l-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu meqjusa bħala objettivi tal-investiment; | 22. Jirrakkomanda li l-objettivi tal-klima, l-enerġija ***rinnovabbli*** u l-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu meqjusa bħala objettivi tal-investiment***, l-iżvilupp industrijali u l-ħolqien ta' impjiegi***; |

Or. hu

**Emenda 187**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jirrakkomanda li l-objettivi tal-klima, l-enerġija rinovabbli u l-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu meqjusa bħala objettivi tal-investiment; | 22. Jirrakkomanda li l-objettivi tal-klima, l-enerġija rinovabbli u l-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu meqjusa bħala objettivi tal-investiment ***u li l-proposti dwar "tranżizzjoni ġusta" għandhom jiġu inklużi fil-Fond għall-Klima***; |

Or. en

**Emenda 188**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Iwissi kontra l-appoġġ għal attivitajiet li jġorru impatti ambjentali u soċjali negattivi peress li jfixklu l-koerenza politika meħtieġa biex ikun massimizzat il-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi ekoloġiċi;*** |

Or. en

**Emenda 189**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***22b. Jirrakkomanda li l-investiment ta' kwalità fis-servizzi pubbliċi ewlenin bħall-komunikazzjoni, l-enerġija, it-trasport u l-immaniġġjar tal-iskart u tal-ilma jkun immirat sabiex jiġu appoġġjati proċeduri ta' akkwist pubbliku sostenibbli u l-integrazzjoni tal-ħiliet ekoloġiċi;*** |

Or. en

**Emenda 190**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 23. Jistieden l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet skont il-qafas legali għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u sorsi oħrajn ta' finanzjament tal-UE biex jiġu promossi proġetti sostenibbli li jrawmu l-impjiegi ekoloġiċi; | 23. Jistieden l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet skont il-qafas legali għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u sorsi oħrajn ta' finanzjament tal-UE biex jiġu promossi proġetti sostenibbli li jrawmu l-impjiegi ekoloġiċi; ***u li l-finanzjamenti u l-istrumenti finanzjarji tal-UE jkunu kemm jista' jkun aċċessibbli għall-awtoritajiet lokali, b'regoli ċari u sempliċi, u b'limiti minimi ta' finanzjament li jistgħu jintlaħqu;*** |

Or. en

**Emenda 191**
**Jan Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jgħinu biex gruppi li huma żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol (in-nisa, iż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabbiltà) jiġu inkorporati fl-ekonomija ekoloġika bil-promozzjoni ta' mudelli ta' negozju bbażati fuq livelli għoljin ta' kooperazzjoni, pereżempju kooperattivi u impriżi soċjali, il-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi fis-servizzi pubbliċi u l-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi għal aċċess għall-akkwist pubbliku u sussidji jew mikrokrediti għan-negozji.*** |

Or. cs

**Emenda 192**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jistieden lill-Istati Membri jinvestu parti mid-dħul minn irkanti ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fi ħdan l-ETS bil-ħsieb li jiġu stabbiliti politiki li jgħinu l-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-ħarsien tal-bijodiversità u tal-ħabitats sensittivi u, b'hekk, jiġu ġġenerati l-impjiegi ekoloġiċi;*** |

Or. it

**Emenda 193**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23b. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu sussidji u/jew eżenzjonijiet fiskali għall-forniment ta' prodotti u servizzi li joffru valur ambjentali miżjud għoli u b'mod partikolari għall-ħolqien ta' negozji ġodda;*** |

Or. it

**Emenda 194**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***24. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jużaw ir-reviżjoni postelettorali tal-2016 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) biex jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomiji tagħna;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 195**
**Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u l-Istati Membri ***jużaw*** ir-reviżjoni postelettorali | 24. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni u l-Istati Membri ***jikkunsidraw li jużaw*** ir-reviżjoni |

| | |
|---|---|
| tal-2016 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) biex jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomiji tagħna; | postelettorali tal-2016 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ***bħala opportunità*** biex jippromwovu t-tranżizzjoni ***iżjed*** ekoloġika tal-ekonomiji tagħna; |

Or. en

**Emenda 196**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jinnota li l-appoġġ tal-FSE huwa disponibbli biex jiġi megħjun it-tkabbir ekoloġiku ekonomiku u tal-impjiegi u jħeġġeġ lill-gvernijiet nazzjonali u lis-servizzi nazzjonali rilevanti jikkunsidraw l-użu aktar attiv ta' dan il-finanzjament sabiex jiġi promoss il-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi ekonomikament ġustifikati u ekonomikament sostenibbli;*** |

Or. en

**Emenda 197**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jitlob miżuri li jtejbu l-kwalità tal-informazzjoni, il-pariri u l-gwida disponibbli għall-karrieri u l-ħiliet meħtieġa għall-kapitalizzazzjoni tal-opportunitajiet ta' xogħol ipprovduti mill-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija;*** |

Or. en

**Emenda 198**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jappoġġja l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni Ekoloġika għall-SMEs u l-azzjonijiet orjentati għall-SMEs ***li jipproponi sabiex titjieb*** l-effiċjenza tar-riżorsi, ***tiġi appoġġjata*** l-intraprenditorija ekoloġika, jiġu sfruttati l-opportunitajiet għal katini tal-valur aktar ekoloġiċi u jiġi faċilitat l-aċċess għas-suq għall-SMEs ekoloġiċi; | 25. Jappoġġja l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni Ekoloġika għall-SMEs u l-azzjonijiet orjentati għall-SMEs ***, inkluż l-istabbiliment taċ-Ċentru Ewropew tal-Eċċellenza fl-Effiċjenza fir-Riżorsi li jagħti konsulenza u jassisti lill-SMEs li jkunu jridu jtejbu il-prestazzjoni*** fl-effiċjenza tar-riżorsi ***tagħhom***, ***jappoġġjaw*** l-intraprenditorija ekoloġika, jiġu sfruttati l-opportunitajiet għal katini tal-valur aktar ekoloġiċi u jiġi faċilitat l-aċċess għas-suq għall-SMEs ekoloġiċi***. Iqis li l-attivitajiet li jqajmu l-kuxjenza u l-assistenza teknika huma kruċjali għall-SMEs sabiex jipparteċipaw b'mod attiv fl-ekonomija ċirkolari***; |

Or. en

**Emenda 199**
**Martina Dlabajová, Ulla Tørnæs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jappoġġja l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni Ekoloġika għall-SMEs u l-azzjonijiet orjentati għall-SMEs li jipproponi sabiex titjieb l-effiċjenza tar-riżorsi, tiġi appoġġjata l-intraprenditorija ekoloġika, jiġu sfruttati l-opportunitajiet għal katini tal-valur aktar ekoloġiċi u jiġi faċilitat l-aċċess għas-suq għall-SMEs | 25. Jappoġġja l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni Ekoloġika għall-SMEs u l-azzjonijiet orjentati għall-SMEs li jipproponi sabiex titjieb l-effiċjenza tar-riżorsi, tiġi appoġġjata l-intraprenditorija ekoloġika, jiġu sfruttati l-opportunitajiet għal katini tal-valur aktar ekoloġiċi u jiġi faċilitat l-aċċess għas-suq għall-SMEs ***u l-*** |

| | |
|---|---|
| ekoloġiċi; | ***mikrointrapriżi*** ekoloġiċi; |

Or. en

**Emenda 200**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Ifakkar li l-SMEs għandhom potenzjal enormi biex joħolqu l-impjiegi, partikolarment impjiegi għaż-żgħażagħ, u jippromwovu sistema doppja ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat;*** |

Or. en

**Emenda 201**
**Laura Agea, Tiziana Beghin, Marco Affronte, Eleonora Evi, Piernicola Pedicini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza għajnuniet permezz tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi lejn intrapriżi mikro, żgħar, u ta' daqs medju li jinvestu f'ċikli ta' produzzjoni jew f'forniment ta' servizzi li jgħinu biex isostnu l-ekonomija ekoloġika ċirkulari;*** |

Or. it

**Emenda 202**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25b. Jirrimarka li l-SMEs jistgħu joħolqu tkabbir u impjiegi biss jekk ikunu disponibbli wkoll opportunitajiet ta' inċentivi favorevoli permezz tal-ekonomija ekoloġika;*** |

Or. en

**Emenda 203**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25c. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-inċentivi ekoloġiċi għall-SMEs ikollhom impatt sinifikanti fejn l-aktar li jkollhom bżonn;*** |

Or. en

**Emenda 204**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jinnota li l-SMEs huma l-motivaturi ewlenin tal-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa; jenfasizza li l-SMEs jiffaċċjaw sfidi partikolari fl-isfruttament tal-***oppurtunitajie***t ta' impjieg għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi, it-taħriġ u t-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet; | 26. Jinnota li l-SMEs huma l-motivaturi ewlenin tal-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa; jenfasizza li l-SMEs jiffaċċjaw sfidi partikolari fl-isfruttament tal-***opportunitajiet*** ta' impjieg għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi, it-taħriġ u t-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet; |

| | |
|---|---|
| jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni ***ambizzjuża*** sabiex jipprovdu l-appoġġ biex jiġi faċilitat il-ħolqien tal-impjiegi ekoloġiċi fl-SMEs, inklużi l-informazzjoni mmirata, is-sensibilizzazzjoni, l-assistenza teknika u l-aċċess għall-finanzi u l-miżuri ta' taħriġ; | jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni sabiex jipprovdu l-appoġġ biex jiġi faċilitat il-ħolqien tal-impjiegi ekoloġiċi fl-SMEs, inklużi l-informazzjoni mmirata, is-sensibilizzazzjoni, l-assistenza teknika u l-aċċess għall-finanzi u l-miżuri ta' taħriġ; |

Or. de

**Emenda 205**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jinnota li l-SMEs huma l-motivaturi ewlenin tal-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa; jenfasizza li l-SMEs jiffaċċjaw sfidi partikolari fl-isfruttament tal-***oppurtunitajiet*** ta' impjieg għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi, it-taħriġ u t-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni ambizzjuża sabiex jipprovdu l-appoġġ biex jiġi faċilitat il-ħolqien tal-impjiegi ekoloġiċi fl-SMEs, inklużi l-informazzjoni mmirata, is-sensibilizzazzjoni, l-assistenza teknika u l-aċċess għall-finanzi u l-miżuri ta' taħriġ; | 26. Jinnota li l-SMEs huma l-motivaturi ewlenin tal-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa; jenfasizza li l-SMEs jiffaċċjaw sfidi partikolari fl-isfruttament tal-***opportunitajiet*** ta' impjieg għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi, it-taħriġ u t-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni ambizzjuża sabiex jipprovdu l-appoġġ biex jiġi faċilitat il-ħolqien tal-impjiegi ekoloġiċi ***għal żmien indeterminat, soġġetti għal ftehimiet kollettivi u soġġetti għall-kontribuzzjonijiet obbligatorji ta' sigurtà soċjali*** fl-SMEs, inklużi l-informazzjoni mmirata, is-sensibilizzazzjoni, l-assistenza teknika u l-aċċess għall-finanzi u l-miżuri ta' taħriġ; |

Or. de

**Emenda 206**
**Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jinnota li l-SMEs huma l-motivaturi ewlenin tal-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa; jenfasizza li l-SMEs jiffaċċjaw sfidi partikolari fl-isfruttament tal-oppurtunitajiet ta' impjieg għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi, it-taħriġ u t-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni ambizzjuża sabiex jipprovdu l-appoġġ biex jiġi faċilitat il-ħolqien tal-impjiegi ekoloġiċi fl-SMEs, inklużi l-informazzjoni mmirata, is-sensibilizzazzjoni, l-assistenza teknika u l-aċċess għall-finanzi u l-miżuri ta' taħriġ; | 26. Jinnota li l-SMEs ***u l-mikrointrapriżi*** huma l-motivaturi ewlenin tal-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa; jenfasizza li l-SMEs ***u l-mikrointrapriżi*** jiffaċċjaw sfidi partikolari fl-isfruttament tal-oppurtunitajiet ta' impjieg għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi, it-taħriġ u t-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni ambizzjuża sabiex jipprovdu l-appoġġ biex jiġi faċilitat il-ħolqien tal-impjiegi ekoloġiċi fl-SMEs ***u l-mikrointrapriżi***, inklużi l-informazzjoni mmirata, is-sensibilizzazzjoni, l-assistenza teknika u l-aċċess għall-finanzi u l-miżuri ta' taħriġ; |

Or. en

**Emenda 207**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Jindika li katina tal-valur iktar ekoloġika, li tinvolvi manifattura mill-ġdid, tiswija, manutenzjoni, riċiklaġġ u disinn ekoloġiku, tista' tipprovdi bosta opportunitajiet kummerċjali għal ħafna SMEs;*** |

Or. en

**Emenda 208**
**Ulrike Trebesius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ispejjeż involuti għan-negozji jiġu ġustifikati mir-riżultati mistennija; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati piżijiet mhux meħtieġa, biex jittaffa l-impatt kumulattiv tal-leġiżlazzjoni fuq in-negozji, peress li b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi jeħtieġu l-ambjent regolatorju xieraq biex iżidu għall-massimu l-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi tal-impjiegi ekoloġiċi;*** |

Or. en